2023/2917

29.12.2023

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2917

tal-20 ta' Ottubru 2023

dwar l-attivitajiet ta' verifika, l-akkreditazzjoni tal-verifikaturi u l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ mill-awtoritajiet amministrattivi skont ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport marittimu, u li jħassar ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2072

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(8), it-tielet subparagrafu, l-Artikolu 7(5), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 13(6), l-Artikolu 15(5) u l-Artikolu 16(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2072 ([2]) jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ u l-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet, dwar ir-rekwiżiti f'termini ta' kompetenzi u ta' proċeduri, u dwar ir-regoli dwar l-akkreditazzjoni u s-superviżjoni tal-verifikaturi mill-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni. Ir-Regolament (UE) 2023/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) emenda r-Regolament (UE) 2015/757 sabiex tiġi prevista l-inklużjoni tal-attivitajiet tat-trasport marittimu fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra addizzjonali u emissjonijiet minn tipi ta' bastimenti addizzjonali. Stabbilixxa wkoll obbligu għall-kumpaniji li jissottomettu *data* aggregata vverifikata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji ("rapporti fil-livell tal-kumpaniji") u rapporti verifikati skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2015/757 meta jkun hemm bidla fil-kumpanija ("rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet"), kif ukoll obbligu għall-awtoritajiet amministrattivi responsabbli li japprovaw il-pjanijiet ta' monitoraġġ u l-modifiki għalihom.

(2) F'konformità mal-Artikolu 3ge tad-Direttiva 2003/87/KE, l-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir għandha tiżgura li r-rappurtar tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji sottomessa minn kumpanija tat-tbaħħir jiġi vverifikat f'konformità mar-regoli ta' verifika u ta' akkreditazzjoni stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2015/757. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet dwar il-verifika u l-akkreditazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament li jissupplimentaw ir-regoli stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) 2015/757 jenħtieġ li jinkludu regoli għall-verifika tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji.

([1]) ĠU L 123, 19.5.2015, p. 55.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2072 tat-22 ta' Settembru 2016 dwar l-attivitajiet ta' verifika u l-akkreditament tal-verifikaturi skont ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu (ĠU L 320, 26.11.2016, p. 5).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2023/957 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2015/757 sabiex tiġi prevista l-inklużjoni tal-attivitajiet tat-trasport marittimu fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra addizzjonali u emissjonijiet minn tipi ta' bastimenti addizzjonali (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 105).

([4]) Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

(3) Barra minn hekk, huwa neċessarju li jiżdied sett ta' regoli għall-verifika tar-rapporti fil-livell tal-kumpaniji mar-reġim stabbilit fir-Regolament Delegat (UE) 2016/2072, li jsegwu l-passi tal-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet iżda jevitaw id-duplikazzjoni tal-attivitajiet ta' verifika fir-rigward tar-rapporti fil-livell tal-bastimenti u piż amministrattiv addizzjonali bla bżonn.

(4) Barra minn hekk, huwa neċessarju li jiżdied sett ta' regoli għall-verifika ta' rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet mar-reġim stabbilit fir-Regolament Delegat (UE) 2016/2072. Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2015/757, jenħtieġ li r-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet ikopru l-istess elementi bħar-rapporti dwar l-emissjonijiet, iżda jibqgħu limitati għall-perjodu li jikkorrispondi għall-attivitajiet imwettqin taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija. Għalhekk, huwa xieraq li r-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet jiġu vverifikati skont l-istess regoli bħal dawk applikabbli għar-rapporti dwar il-verifika tal-emissjonijiet.

(5) L-Artikolu 6(8) u l-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2015/757 jistabbilixxu, rispettivament, dispożizzjonijiet li jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati sabiex jissupplimentaw dak ir-Regolament dwar regoli għall-approvazzjoni ta' pjanijiet ta' monitoraġġ mill-awtoritajiet amministrattivi responsabbli u għall-approvazzjoni ta' bidliet fil-pjanijiet ta' monitoraġġ mill-awtoritajiet amministrattivi responsabbli. L-Artikolu 13(6) u l-Artikolu 15(5) tar-Regolament (UE) 2015/757 jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni, rispettivament, sabiex tadotta atti delegati sabiex jissupplimentaw dak ir-Regolament bir-regoli għall-verifika tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji, inklużi l-metodi ta' verifika u l-proċedura ta' verifika, u l-ħruġ ta' rapport ta' verifika, u sabiex jiġu speċifikati ulterjorment ir-regoli għall-attivitajiet ta' verifika msemmijin f'dak ir-Regolament. L-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2015/757 jipprevedi li l-Kummissjoni tadotta atti delegati sabiex tispeċifika ulterjorment il-metodi ta' akkreditazzjoni tal-verifikaturi. Billi dawk l-attivitajiet ta' verifika, ta' akkreditazzjoni u ta' approvazzjoni huma marbutin b'mod sostantiv, f'dan ir-Regolament jintużaw dawk il-ħames bażijiet legali.

(6) L-attivitajiet ta' verifika jinkludu l-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ mill-verifikaturi, f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) 2015/757. Meta jivvalutaw pjan ta' monitoraġġ, jenħtieġ li l-verifikaturi jwettqu numru ta' attivitajiet sabiex jevalwaw il-kompletezza, ir-rilevanza u l-konformità tal-informazzjoni ppreżentata mill-kumpanija inkwistjoni fir-rigward tal-proċess ta' rappurtar u ta' monitoraġġ tal-bastiment sabiex ikunu jistgħu jikkonkludu jekk il-pjan ikunx konformi mar-Regolament (UE) 2015/757. Dak jenħtieġ li jinkludi elementi relatati mas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll tad-*data* kif deskritt fil-pjan ta' monitoraġġ tal-bastiment, f'konformità mal-prinċipji komuni għall-monitoraġġ u għar-rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2015/757 u fl-Annessi I u II tiegħu. Sabiex jiġi ggarantit l-infurzar xieraq tar-Regolament (UE) 2015/757, meta l-organizzazzjoni jew il-persuna li tkun assumiet ir-responsabbiltà għall-operat tal-bastiment mis-sid tal-bastiment u li, jekk tassumi tali responsabbiltà, tkun qablet li tassumi d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Bastimenti u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis, stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), tassumi wkoll ir-responsabbiltà għall-konformità mal-obbligi skont ir-Regolament (UE) 2015/757 u, meta applikabbli, skont id-Direttiva 2003/87/KE, jenħtieġ li din l-organizzazzjoni jew il-persuna tipprovdi lill-verifikatur, qabel il-bidu tal-valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ, b'dokument li jagħti prova li tkun ingħatat mandat kif xieraq mis-sid tal-bastiment għall-konformità mal-obbligi skont ir-Regolament (UE) 2015/757, u, meta applikabbli, skont id-Direttiva 2003/87/KE. Fir-rigward ta' bastimenti li l-emissjonijiet tagħhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, id-dokument imsemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2599 ([6]), jista' jiġi pprovdut lill-verifikatur għall-valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ.

(7) Dan ir-Regolament jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/757 billi jipprevedi regoli speċifiċi fir-rigward tal-attivitajiet relatati mal-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet, tar-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet u tar-rapporti fil-livell tal-kumpaniji, l-akkreditazzjoni tal-verifikaturi u l-valutazzjoni u l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ. Jenħtieġ li dawk l-attivitajiet jirrispettaw il-prinċipji ta' monitoraġġ u ta' rappurtar stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/757 u fl-Annessi I u II tiegħu, u fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2849 ([7]).

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà fi ħdan il-Komunità u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3051/95 (ĠU L 64, 4.3.2006, p. 1).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/2599 ta' 22 Novembru 2023 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-amministrazzjoni ta' kumpaniji tat-tbaħħir mill-awtoritajiet amministrattivi fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir (ĠU L, 2023/2599, 23.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/2599/oj).

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2849 tat-12 ta' Ottubru 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għar-rappurtar u għas-sottomissjoni tad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji (ĠU L, 2023/2849, 15.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/2849/oj).

(8) L-użu tas-setgħat stipulati fl-Artikolu 6(8) u fl-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2015/757 jenħtieġ li jiżgura li l-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ u tal-modifiki tagħhom mogħtija f'konformità ma' dak ir-Regolament titwettaq b'mod armonizzat mill-awtoritajiet amministrattivi responsabbli, b'mod partikolari f'termini ta' notifiki u ta' informazzjoni pprovduti mill-kumpaniji u mill-awtoritajiet amministrattivi responsabbli.

(9) Jenħtieġ li l-pjanijiet ta' monitoraġġ tal-bastimenti li l-emissjonijiet tagħhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757 iżda mhux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE ma jkunux soġġetti għall-approvazzjoni tal-awtorità amministrattiva responsabbli.

(10) Meta japprovaw il-pjanijiet ta' monitoraġġ u l-modifiki tagħhom, jenħtieġ li l-awtoritajiet amministrattivi responsabbli jqisu kif xieraq il-konklużjonijiet tal-verifikatur dwar il-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet sabiex jiġu approvati l-pjanijiet ta' monitoraġġ jittieħdu b'mod indipendenti mill-awtoritajiet amministrattivi responsabbli, billi l-awtoritajiet amministrattivi fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir jenħtieġ li jiżguraw li l-kumpaniji tat-tbaħħir taħt ir-responsabbiltà tagħhom jikkonformaw mad-Direttiva 2003/87/KE u mar-Regolament (UE) 2015/757, inkluż fir-rigward tal-monitoraġġ u tar-rappurtar tal-parametri rilevanti matul perjodu ta' rappurtar.

(11) Meta l-awtorità amministrattiva responsabbli ma tapprovax il-pjan ta' monitoraġġ, jenħtieġ li l-kumpanija tirrevedih skont l-informazzjoni pprovduta minn dik l-awtorità amministrattiva u tissottometti verżjoni riveduta ta' dak il-pjan ta' monitoraġġ għal rivalutazzjoni mill-verifikatur. Jistgħu jsiru diversi skambji bejn il-kumpaniji u l-awtoritajiet amministrattivi responsabbli qabel ma l-pjan ta' monitoraġġ rivedut jintbagħat lill-verifikatur għal rivalutazzjoni, sabiex jiġi evitat piż amministrattiv mingħajr bżonn għall-kumpaniji u għall-verifikaturi.

(12) L-implimentazzjoni tal-Artikolu 13(6) u tal-Artikolu 15(5) tar-Regolament (UE) 2015/757 teħtieġ qafas ġenerali ta' regoli li jiżguraw li l-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ, il-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet, tar-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet u tar-rapporti fil-livell tal-kumpaniji, u l-ħruġ ta' rapporti ta' verifika stabbiliti f'konformità mar-Regolament jitwettqu b'mod armonizzat minn verifikaturi li jkollhom il-kompetenza teknika sabiex iwettqu l-kompiti inkarigati lilhom b'mod indipendenti u imparzjali.

(13) Jenħtieġ li r-regoli armonizzati għall-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ, għall-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet, tar-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet u tar-rapporti fil-livell tal-kumpaniji, u għall-ħruġ tad-dokumenti ta' konformità mill-verifikaturi jiddefinixxu r-responsabbiltajiet tal-verifikaturi b'mod ċar.

(14) Il-konklużjonijiet tal-verifikatur dwar il-valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ huma essenzjali sabiex jippermettu lill-kumpaniji u lill-awtoritajiet amministrattivi responsabbli jifhmu l-eżitu tal-attivitajiet ta' verifika mill-verifikatur. Għalhekk, huwa neċessarju li konklużjonijiet bħal dawn jinkludu kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tinsab matul il-valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ, inklużi deskrizzjoni ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità mhux ikkoreġut u sommarju tal-proċeduri tal-verifikatur, inkluż fir-rigward taż-żjarat fuq il-post.

(15) Il-forniment ta' dokumenti u l-iskambju tal-informazzjoni rilevanti bejn il-kumpaniji u l-verifikaturi huma essenzjali għall-aspetti kollha tal-proċess ta' verifika, b'mod partikolari għall-valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ, għat-twettiq tal-analiżijiet strateġiċi u tar-riskju, għall-verifika tar-rapport dwar l-emissjonijiet, tar-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet u tar-rapport fil-livell tal-kumpaniji. Għalhekk, huwa neċessarju li jiġi stabbilit sett ta' rekwiżiti armonizzati li jirregolaw l-għoti ta' informazzjoni u ta' dokumenti li jridu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-verifikatur qabel ma jkun jista' jibda l-attivitajiet ta' verifika tiegħu u f'waqtiet oħrajn matul il-verifika.

(16) Jenħtieġ li l-verifikatur jieħu approċċ ibbażat fuq ir-riskju fil-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet, tar-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet u tar-rapporti fil-livell tal-kumpaniji, f'konformità mal-Artikolu 15(1), (2) u (3) tar-Regolament (UE) 2015/757. L-analiżi tas-suxxettibbiltà tad-*data* rrapportata għal dikjarazzjoni skorretta materjali potenzjali hija parti essenzjali mill-proċess ta' verifika u tiddetermina kif il-verifikatur jenħtieġ li jwettaq l-attivitajiet tiegħu.

(17) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u l-komparabbiltà tad-*data* mmonitorjata matul iż-żmien f'konformità mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2015/757, il-pjan ta' monitoraġġ li jkun ġie vvalutat bħala sodisfaċenti u, meta xieraq, li jkun ġie approvat mill-awtorità amministrattiva responsabbli, jenħtieġ li jkun il-punt ta' referenza għall-verifikatur meta jiġi sabiex jivvaluta r-rapport dwar l-emissjonijiet ta' bastiment.

(18) Il-passi kollha fil-proċess tal-verifika ta' rapport dwar l-emissjonijiet, ta' rapport parzjali dwar l-emissjonijiet jew ta' rapport fil-livell tal-kumpaniji huma marbutin ma' xulxin u jenħtieġ li jwasslu għall-ħruġ ta' rapport ta' verifika li jkun fih dikjarazzjoni tal-eżitu tal-verifika. Jenħtieġ li l-livell ta' assigurazzjoni għar-rapport ta' verifika jkun relatat mal-profondità u mad-dettall tal-attivitajiet ta' verifika u mal-kliem użat fid-dikjarazzjoni tal-verifika.

(19) Il-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ u l-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet, tar-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet u tar-rapporti fil-livell tal-kumpaniji jenħtieġ li jitwettqu minn persunal kompetenti. Għalhekk, sabiex jissodisfaw dawn l-obbligi, jenħtieġ li l-verifikaturi jistabbilixxu proċessi interni u jtejbuhom kontinwament. Jenħtieġ li l-kriterji sabiex jiġi stabbilit jekk verifikatur ikunx kompetenti jew le jkunu l-istess fl-Istati Membri kollha u jenħtieġ li dawn ikunu oġġettivi u trasparenti u jkunu jistgħu jiġu vverifikati.

(20) Bl-għan li tiġi promossa kwalità għolja fl-attivitajiet ta' verifika, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati sabiex jiddeterminaw jekk verifikatur ikunx kompetenti, indipendenti u imparzjali u, b'hekk, jekk jikkwalifikax sabiex iwettaq l-attivitajiet meħtieġa.

(21) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]) jistabbilixxi qafas komprensiv għall-akkreditazzjoni ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jwettqu attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità. Skont l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2015/757, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 meta ma tkun stabbilita l-ebda dispożizzjoni speċifika dwar l-akkreditazzjoni tal-verifikaturi fir-Regolament (UE) 2015/757.

(22) L-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2015/757 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tispeċifika ulterjorment il-metodi ta' akkreditazzjoni tal-verifikaturi għal attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, jiġifieri, fir-rigward tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-settur tat-trasport marittimu. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jikkomplementa r-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 u fir-Regolament (UE) 2015/757, b'mod partikolari fir-rigward tal-istandards armonizzati applikabbli, ir-rekwiżiti għat-timijiet tal-valutazzjoni, l-implimentazzjoni tal-evalwazzjoni bejn il-pari tal-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni u r-rikonoxximent reċiproku tal-verifikaturi. L-ispeċifikazzjoni ta' tali regoli addizzjonali hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-kriterji u l-istandards ikkunsidrati fil-kuntest tal-akkreditazzjoni tal-verifikaturi għall-attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757 ikunu adatti għall-iskop u għall-kontenut ta' dawk l-attivitajiet. Dawk ir-regoli jenħtieġ li jikkontribwixxu biex tissaħħaħ ulterjorment ir-robustezza tal-proċessi ta' verifika u akkreditazzjoni kif ukoll approċċ armonizzat fl-Istati Membri kollha.

(23) Jenħtieġ li s-sistema ta' verifika u ta' akkreditazzjoni tevita rduppjar żejjed tal-proċeduri u tal-organizzazzjonijiet stabbiliti skont strumenti legali oħrajn tal-Unjoni li jwassal għal iżjed piż fuq l-Istati Membri jew fuq l-operaturi ekonomiċi. Għalhekk, xieraq li jitqiesu l-aħjar prattiki li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' standards armonizzati adottati mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni fuq il-bażi ta' mandat maħruġ mill-Kummissjoni f'konformità mad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]), bħal dawk li jikkonċernaw ir-rekwiżiti għall-korpi ta' verifika u ta' validazzjoni tal-gassijiet serra li jintużaw fl-akkreditazzjoni jew forom oħrajn ta' rikonoxximent, u dawk li jikkonċernaw ir-rekwiżiti ġenerali għall-korpi ta' akkreditazzjoni li jakkreditaw lill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u dokumenti tekniċi oħrajn żviluppati mill-kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditazzjoni.

(24) Jenħtieġ li l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni maħtur skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 jingħata s-setgħa li jakkredita u joħroġ dikjarazzjoni ta' awtorizzazzjoni li tikkonċerna l-kompetenza ta' verifikatur sabiex iwettaq l-attivitajiet ta' verifika skont dan ir-Regolament, jadotta miżuri amministrattivi bħal sospensjoni jew irtirar tal-akkreditazzjoni u jwettaq is-sorveljanza tal-verifikaturi.

(25) Il-kooperazzjoni effettiva bejn il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni u l-awtoritajiet amministrattivi responsabbli hija essenzjali għall-funzjonament xieraq tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, li għandha tinkludi l-emissjonijiet tat-trasport marittimu mill-perjodu ta' rappurtar li jibda fl-1 ta' Jannar 2024, u għas-superviżjoni tal-kwalità tal-verifika. Għal raġunijiet ta' trasparenza, huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni u l-awtoritajiet amministrattivi responsabbli jistabbilixxu mezzi effettivi ta' skambju

([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditazzjoni u t-tħassir tar-Regolament (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

([9]) Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u r-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37).

ta' informazzjoni. Jenħtieġ li l-iskambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi responsabbli u bejn l-awtoritajiet amministrattivi responsabbli u l-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni jiġu rregolati bil-garanziji l-iżjed stretti ta' kunfidenzjalità u ta' segretezza professjonali u li dawn jiġu ttrattati f'konformità mad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli.

(26) Fid-dawl tal-inklużjoni ta' emissjonijiet minn attivitajiet tat-trasport marittimu fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, huwa neċessarju li jiġi żgurat allinjament ulterjuri tar-regoli għall-attivitajiet ta' verifika u ta' akkreditazzjoni li japplikaw għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-settur tat-trasport marittimu introdotti b'dan ir-Regolament mar-regoli għall-attivitajiet ta' verifika u ta' akkreditazzjoni li japplikaw għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-setturi l-oħrajn koperti mis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tat-trasport marittimu. Dak l-allinjament tar-regoli jikkonċerna b'mod partikolari r-regoli dwar l-attivitajiet ta' verifika, inklużi ż-żjarat fuq il-post, dwar l-iskambju ta' informazzjoni, dwar ir-rekwiżiti għall-verifikaturi u dwar ir-rekwiżiti għall-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni.

(27) Minħabba l-firxa tal-bidliet neċessarji fir-Regolament Delegat (UE) 2016/2072, huwa xieraq li dak ir-Regolament jitħassar fl-intier tiegħu.

(28) Id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma relatati mal-attivitajiet ta' verifika, approvazzjoni u akkreditazzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-emissjonijiet ta' gassijiet serra rilaxxati mill-1 ta' Jannar 2024. Jiżguraw il-funzjonament effettiv tas-Sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, li għandha tinkludi l-emissjonijiet tat-trasport marittimu mill-perjodu ta' rapportar li jibda mill-1 ta' Jannar 2024, u l-inklużjoni tal-emissjonijiet tal-metan u tal-ossidu nitruż fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/757 mill-perjodu ta' rapportar li jibda fl-1 ta' Jannar 2024. Għalhekk, huwa xieraq li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ u l-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet u d-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji. Huwa jistabbilixxi wkoll rekwiżiti f'termini ta' kompetenzi u ta' proċeduri.

Dan ir-Regolament jispeċifika wkoll il-metodi ta' akkreditazzjoni tal-verifikaturi mill-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni u r-regoli dwar l-iskambju ta' informazzjoni.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar l-approvazzjoni ta' pjanijiet ta' monitoraġġ u tal-modifiki fihom mill-awtoritajiet amministrattivi responsabbli.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "akkreditazzjoni" tfisser attestazzjoni minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li verifikatur jissodisfa r-rekwiżiti ta' standards armonizzati skont it-tifsira tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u b'hekk huwa kwalifikat sabiex iwettaq l-attivitajiet ta' verifika skont l-Artikoli 4 sa 36;

(2) "rapport dwar l-emissjonijiet" tfisser rapport kif imsemmi fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2015/757;

(3) "rapport parzjali dwar l-emissjonijiet" tfisser rapport kif imsemmi fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2015/757;

(4) "rapport fil-livell tal-kumpaniji" tfisser id-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (q), tar-Regolament (UE) 2015/757;

(5) "nuqqas ta' konformità" tfisser waħda minn dawn li ġejjin:

(a) għall-fini tal-valutazzjoni ta' pjan ta' monitoraġġ, li l-pjan ma jissodisfax ir-rekwiżiti skont l-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament (UE) 2015/757, id-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1927 ([10]);

(b) għall-finijiet tal-verifika ta' rapport dwar l-emissjonijiet u ta' rapport parzjali dwar l-emissjonijiet, waħda minn dawn li ġejjin:

(i) l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u informazzjoni rilevanti oħra ma jiġux irrapportati f'konformità mal-metodoloġija ta' monitoraġġ deskritta fil-pjan ta' monitoraġġ li verifikatur akkreditat ikun ivvaluta bħala sodisfaċenti u, meta applikabbli, li jkun ġie approvat mill-awtorità amministrattiva responsabbli;

(ii) id-*data* rrapportata ma tissodisfax ir-rekwiżiti skont ir-Regolament (UE) 2015/757, id-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1927, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1928 ([11]) jew dan ir-Regolament;

(c) għall-finijiet tal-verifika ta' rapport fil-livell tal-kumpaniji, li d-*data* rrapportata ma tissodisfax ir-rekwiżiti skont ir-Regolament (UE) 2015/757, id-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1927;

(d) għall-fini tal-akkreditazzjoni, kwalunkwe att jew ommissjoni mill-verifikatur li tmur kontra r-rekwiżiti skont ir-Regolament (UE) 2015/757, id-Direttiva 2003/87/KE u dan ir-Regolament;

(6) "assigurazzjoni raġonevoli" tfisser livell ta' assigurazzjoni għoli iżda mhux assolut, espress pożittivament fid-dikjarazzjoni tal-verifika, dwar jekk ir-rapport dwar l-emissjonijiet, ir-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet jew ir-rapport fil-livell tal-kumpaniji soġġett għal verifika jkunx ħieles minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali;

(7) "livell ta' assigurazzjoni" tfisser il-livell ta' assigurazzjoni li verifikatur jipprovdi fir-rapport ta' verifika fuq il-bażi tal-għan li jitnaqqas ir-riskju ta' verifika skont iċ-ċirkustanzi tal-impenn ta' verifika;

(8) "livell ta' materjalità" tfisser il-limitu kwantitattiv jew il-punt ta' limitu li 'l fuq minnu l-verifikatur iqis id-dikjarazzjonijiet skorretti, individwalment jew meta meqjusin flimkien ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħrajn, bħala materjali;

(9) "riskju inerenti" tfisser is-suxxettibbiltà ta' parametru fir-rapport dwar l-emissjonijiet għad-dikjarazzjonijiet skorretti li jistgħu jkunu materjali, individwalment jew meta meqjusin flimkien ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħrajn, qabel ma jiġi kkunsidrat l-effett ta' kwalunkwe attività tal-kontroll relatata;

(10) "riskju ta' kontroll" tfisser is-suxxettibbiltà ta' parametru fir-rapport dwar l-emissjonijiet, fir-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet jew fir-rapport fil-livell tal-kumpaniji għad-dikjarazzjonijiet skorretti li jistgħu jkunu materjali, individwalment jew meta meqjusin flimkien ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħrajn, u li ma jkunux se jiġu evitati jew individwati u kkoreġuti fil-ħin mis-sistema ta' kontroll;

(11) "riskju tad-detezzjoni" tfisser ir-riskju li verifikatur ma jindividwax dikjarazzjoni skorretta materjali;

(12) "riskju ta' verifika" tfisser ir-riskju (funzjoni ta' riskju inerenti, riskju ta' kontroll u riskju tad-detezzjoni) li l-verifikatur jesprimi opinjoni ta' verifika mhux xierqa meta r-rapport dwar l-emissjonijiet, ir-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet jew ir-rapport fil-livell tal-kumpaniji ma jkunx ħieles minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali;

(13) "dikjarazzjoni skorretta" tfisser ommissjoni, dikjarazzjoni falza jew żball fid-*data* rrapportata, minbarra l-inċertezza permessibbli skont ir-Regolament (UE) 2015/757 u wara li jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-linji gwida żviluppati mill-Kummissjoni dwar dawk il-kwistjonijiet;

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1927 tal-4 ta' Novembru 2016 dwar il-mudelli għall-pjanijiet ta' monitoraġġ, għar-rapporti dwar l-emissjonijiet u għad-dokumenti ta' konformità skont ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu (ĠU L 299, 5.11.2016, p. 1).

([11]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1928 tal-4 ta' Novembru 2016 dwar id-determinazzjoni ta' merkanzija li tinġarr għall-kategoriji ta' bastimenti li ma humiex bastimenti tal-passiġġieri, bastimenti ro-ro u bastimenti tal-kontejners skont ir-Regolament (UE) 2015/757 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika ta' emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mit-trasport marittimu (ĠU L 299, 5.11.2016, p. 22).

(14) "dikjarazzjoni skorretta materjali" tfisser dikjarazzjoni skorretta li, fl-opinjoni tal-verifikatur, individwalment jew meta meqjusa flimkien ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħrajn, taqbeż il-livell ta' materjalità jew tista' b'xi mod tħalli impatt fuq it-total ta' emissjonijiet irrapportati jew informazzjoni rilevanti oħra;

(15) "post", għall-finijiet ta' valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ jew ta' verifika tar-rapport dwar l-emissjonijiet jew ir-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet ta' bastiment, jew ir-rapport fil-livell tal-kumpaniji, tfisser post fejn jiġi ddefinit u ġestit il-proċess ta' monitoraġġ, inklużi l-postijiet fejn jiġu kkontrollati u jinħażnu d-*data* u l-informazzjoni rilevanti;

(16) "dokumentazzjoni ta' verifika interna" tfisser id-dokumentazzjoni interna kollha li jkun ġabar verifikatur sabiex jirreġistra l-evidenza dokumentarja u l-ġustifikazzjoni tal-attivitajiet imwettqin għall-valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ jew għall-verifika ta' rapport dwar l-emissjonijiet, ta' rapport parzjali dwar l-emissjonijiet jew ta' rapport fil-livell tal-kumpaniji skont dan ir-Regolament;

(17) "awditur tal-MRV tat-trasport marittimu" tfisser membru individwali ta' tim ta' verifika responsabbli għall-valutazzjoni ta' pjan ta' monitoraġġ jew għall-verifika ta' rapport dwar l-emissjonijiet, ta' rapport parzjali dwar l-emissjonijiet jew ta' rapport fil-livell tal-kumpaniji, għajr l-awditur ewlieni tal-MRV tat-trasport marittimu;

(18) "awditur ewlieni tal-MRV tat-trasport marittimu" tfisser awditur tal-MRV tat-trasport marittimu inkarigat mid-direzzjoni u mis-superviżjoni tat-tim ta' verifika, li huwa responsabbli għat-twettiq u għar-rappurtar dwar il-valutazzjoni ta' pjan ta' monitoraġġ jew il-verifika ta' rapport dwar l-emissjonijiet, rapport parzjali dwar l-emissjonijiet jew rapport fil-livell tal-kumpaniji;

(19) "rieżaminatur indipendenti" tfisser persuna assenjata mill-verifikatur speċifikament sabiex twettaq l-attivitajiet interni ta' rieżami, li tkun tappartjeni għall-istess entità, iżda li ma tkun wettqet ebda waħda mill-attivitajiet ta' verifika soġġetti għal rieżami;

(20) "espert tekniku" tfisser persuna li tipprovdi għarfien dettaljat u kompetenza dwar suġġett speċifiku kif meħtieġ għat-twettiq tal-attivitajiet ta' verifika għall-finijiet tal-Artikolu 4 sa 36 u għat-twettiq tal-attivitajiet ta' akkreditazzjoni għall-finijiet tal-Artikoli 46 sa 63;

(21) "assessur" tfisser persuna magħżula minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni sabiex tivvaluta verifikatur skont dan ir-Regolament, individwalment jew bħala parti minn tim ta' valutazzjoni;

(22) "assessur ewlieni" tfisser assessur li jingħata responsabbiltà ġenerali għall-valutazzjoni ta' verifikatur skont dan ir-Regolament;

(23) "tim ta' valutazzjoni" tfisser assessur wieħed jew aktar maħturin minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni sabiex jivvalutaw verifikatur skont dan ir-Regolament;

(24) "kompetenza" tfisser il-ħila li wieħed japplika l-għarfien u l-ħiliet tiegħu sabiex iwettaq attività;

(25) "proċeduri analitiċi" tfisser l-analiżi tal-varjazzjonijiet u tax-xejriet fid-*data*, fosthom analiżi tar-relazzjonijiet li ma jkunux konsistenti ma' informazzjoni rilevanti oħra jew li jiddevjaw mill-ammont previst;

(26) "sistema ta' kontroll" tfisser il-valutazzjoni tar-riskju tal-kumpanija u sett sħiħ ta' attivitajiet tal-kontroll, inkluża l-ġestjoni kontinwa tagħha, li kumpanija tkun stabbiliet, iddokumentat, implimentat u żammet skont il-Parti C, il-punt 1, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/757;

(27) "attivitajiet tal-kontroll" tfisser kull att imwettaq jew miżura implimentata mill-kumpanija sabiex ittaffi r-riskji inerenti.

Artikolu 3

Suppożizzjoni ta' konformità

Verifikatur li juri l-konformità tiegħu mal-kriterji stabbiliti fl-istandards armonizzati rilevanti, skont it-tifsira tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, jew partijiet minnu, li r-referenzi tiegħu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jiġi preżunt li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 45 ta' dan ir-Regolament sal-punt li l-istandards armonizzati applikabbli jkopru dawk ir-rekwiżiti.

KAPITOLU II

ATTIVITAJIET TA' VERIFIKA

TAQSIMA 1

Valutazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ

Artikolu 4

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-kumpaniji

1. Il-kumpaniji għandhom jipprovdu lill-verifikatur bil-pjan ta' monitoraġġ tal-bastiment tagħhom bl-użu ta' mudell li jkun jikkorrispondi għal dak stabbilit fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1927. Jekk il-pjan ta' monitoraġġ ikun b'lingwa oħra li ma tkunx l-Ingliż, huma għandhom jipprovdu traduzzjoni bl-Ingliż.

2. Qabel il-bidu tal-valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ, il-kumpanija għandha tipprovdi wkoll lill-verifikatur b'tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dokumentazzjoni rilevanti jew deskrizzjoni tal-installazzjonijiet tal-bastiment, inklużi ċertifikati tas-sorsi tal-emissjonijiet, l-apparat li jintuża sabiex ikejjel il-fluss (jekk applikabbli), il-proċeduri u l-proċessi jew il-flowcharts imħejjin u miżmumin barra l-pjan, meta applikabbli, li ssir referenza għalihom fil-pjan, inklużi l-proċeduri għall-attivitajiet tal-fluss tad-*data* u għall-attivitajiet tal-kontroll;

(b) il-valutazzjoni tar-riskju msemmija fil-Parti C, il-punt 1, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/757 u deskrizzjoni ġenerali tas-sistema ta' kontroll ġenerali;

(c) fil-każ ta' dawk il-bidliet fis-sistema ta' rappurtar u ta' monitoraġġ imsemmija fl-Artikolu 7(2), il-punti (c) u (d), tar-Regolament (UE) 2015/757, verżjonijiet aġġornati rilevanti jew dokumenti ġodda li jippermettu li ssir il-valutazzjoni tal-pjan emendat;

(d) meta l-kumpanija tkun l-organizzazzjoni jew il-persuna, bħall-maniġer jew in-noleġġatur ta' bastiment mingħajr ekwipaġġ, li tkun assumiet ir-responsabbiltà għall-operat tal-bastiment mis-sid tal-bastiment u li, mal-preżunzjoni ta' din ir-responsabbiltà, qablet li tieħu f'idejha d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kollha imposti mill-Kodiċi Internazzjonali ta' Ġestjoni għall-Operazzjoni Sikura tal-Bastimenti u għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis, stabbilit fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 336/2006, evidenza li din l-organizzazzjoni jew persuna tkun ingħatat mandat kif xieraq mis-sid tal-bastiment għall-konformità mal-obbligi skont ir-Regolament (UE) 2015/757 u, meta applikabbli, mal-miżuri nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 2003/87/KE u mal-obbligu li jiġu ċeduti kwoti skont l-Artikoli 3gb u 12 ta' dik id-Direttiva (l-"obbligi tal-ETS").

3. Għall-fini tal-paragrafu 2, il-punt (d), l-organizzazzjoni jew il-persuna msemmija f'dak il-punt għandha tipprovdi lill-verifikatur b'dokument li jindika b'mod ċar li tkun ingħatat mandat kif xieraq mis-sid tal-bastiment sabiex tikkonforma mal-obbligi skont ir-Regolament (UE) 2015/757 u, meta applikabbli, mal-obbligi tal-ETS.

Id-dokument għandu jiġi ffirmat kemm mis-sid tal-bastiment kif ukoll minn dik l-organizzazzjoni jew il-persuna.

Jekk dak id-dokument ikun b'lingwa li ma tkunx l-Ingliż, għandha tiġi pprovduta traduzzjoni bl-Ingliż.

Id-dokument għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u n-numru ta' identifikazzjoni uniku tal-kumpanija u tas-sid reġistrat tal-IMO tal-organizzazzjoni jew tal-persuna mogħtija l-mandat mis-sid tal-bastiment;

(b) il-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-organizzazzjoni jew tal-persuna mogħtija l-mandat mis-sid tal-bastiment, kif irreġistrata taħt l-Iskema ta' Numru Uniku ta' Identifikazzjoni tal-Kumpanija u tas-Sid Reġistrat tal-IMO;

(c) l-isem u n-numru uniku ta' identifikazzjoni tal-kumpanija u tas-sid reġistrat tal-IMO tas-sid tal-bastiment;

(d) l-informazzjoni li ġejja għall-persuna ta' kuntatt tas-sid tal-bastiment:

(i) l-isem,

(ii) il-kunjom,

(iii) it-titolu tal-impjieg,

(iv) l-indirizz tan-negozju,

(v) in-numru tat-telefown tan-negozju,

(vi) l-indirizz tal-posta elettronika tan-negozju;

(e) id-data tal-applikazzjoni tal-mandat mis-sid tal-bastiment għal dik l-organizzazzjoni jew il-persuna;

(f) in-numru ta' identifikazzjoni tal-IMO tal-bastiment.

4. Meta tintalab, il-kumpanija għandha tipprovdi kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa bħala rilevanti sabiex il-verifikatur ikun jista' jwettaq il-valutazzjoni tiegħu tal-pjan.

Artikolu 5

Valutazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ

1. Meta jivvaluta l-pjan ta' monitoraġġ, il-verifikatur għandu jindirizza d-dikjarazzjonijiet tal-kompletezza, tal-akkuratezza, tar-rilevanza u tal-konformità mar-Regolament (UE) 2015/757 tal-informazzjoni pprovduta fil-pjan ta' monitoraġġ.

2. Il-verifikatur għandu tal-anqas:

(a) jivvaluta li l-kumpanija użat il-mudell tal-pjan ta' monitoraġġ xieraq u li tiġi pprovduta informazzjoni għall-elementi obbligatorji kollha msemmijin fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1927;

(b) jiżgura li s-sid tal-bastiment ikun identiku għas-sid reġistrat kif irreġistrat taħt l-Iskema ta' Numru Uniku ta' Identifikazzjoni tal-Kumpanija u tas-Sid Reġistrat tal-IMO;

(c) jiżgura li l-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-kumpanija jkun identiku għal dak irreġistrat taħt l-Iskema ta' Numru Uniku ta' Identifikazzjoni tal-Kumpanija u tas-Sid Reġistrat tal-IMO;

(d) meta l-kumpanija ma tkunx is-sid tal-bastiment, jiżgura li l-kumpanija tkun ingħatat il-mandat kif xieraq mis-sid tal-bastiment għall-konformità mal-obbligi skont ir-Regolament (UE) 2015/757 u, meta applikabbli, mal-obbligi tal-ETS;

(e) jivverifika li l-informazzjoni fil-pjan ta' monitoraġġ tiddeskrivi b'mod akkurat u komplut is-sorsi tal-emissjonijiet u l-apparat tal-kejl installat abbord il-bastiment kif ukoll is-sistemi u l-proċeduri fis-seħħ għall-monitoraġġ u għar-rappurtar tal-informazzjoni rilevanti skont ir-Regolament (UE) 2015/757;

(f) jiżgura li jiġu previsti arranġamenti ta' monitoraġġ adegwati fil-każ li l-kumpanija tfittex li tibbenefika mid-deroga tal-monitoraġġ "fuq bażi ta' kull vjaġġ" tal-emissjonijiet ta' fjuwil u ta' gassijiet serra skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2015/757, filwaqt li titqies l-informazzjoni neċessarja msemmija fl-Artikolu 10, il-punt (k), ta' dak ir-Regolament;

(g) meta applikabbli, jivvaluta jekk l-informazzjoni sottomessa mill-kumpanija rigward l-elementi, il-proċeduri jew il-kontrolli implimentati bħala parti mis-sistemi ta' ġestjoni eżistenti tal-bastiment jew koperti mill-istandards armonizzati rilevanti tal-kwalità, tal-ambjent jew tal-ġestjoni tkunx xierqa għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u informazzjoni u rappurtar rilevanti oħrajn skont ir-Regolament (UE) 2015/757 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1928.

3. Għall-fini ta' valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ, il-verifikatur jista' jirrikorri għal inkjesta, għal spezzjoni tad-dokumenti, għal osservazzjoni u għal kwalunkwe teknika ta' verifika oħra meqjusa xierqa.

Artikolu 6

Żjarat fuq il-post

1. Il-verifikatur għandu jwettaq żjarat fuq il-post sabiex jikseb biżżejjed għarfien tal-proċeduri deskritti fil-pjan ta' monitoraġġ u jivvalida li l-informazzjoni fih tkun akkurata.

2. Il-verifikatur għandu jiddetermina l-post jew il-postijiet fejn issir iż-żjara fuq il-post wara li jikkunsidra l-post fejn tinħażen il-massa kritika tad-*data* rilevanti, inklużi kopji elettroniċi jew stampati tad-dokumenti li l-oriġinali tagħhom għandhom jinżammu fuq il-bastiment, kif ukoll il-post fejn jitwettqu l-attivitajiet ta' fluss tad-*data* u tal-kontroll.

3. Il-verifikatur għandu jiddetermina wkoll l-attivitajiet li għandhom jitwettqu u ż-żmien meħtieġ għaż-żjara fuq il-post.

4. Il-kumpanija għandha tipprovdi lill-verifikatur b'aċċess għas-siti tagħha, inkluż għall-postijiet fuq l-art rilevanti tagħha u għall-bastiment rilevanti.

5. Il-verifikatur jista' jwettaq żjara virtwali fuq il-post dment li tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-verifikatur ikollu biżżejjed għarfien tas-sistemi ta' rappurtar u ta' monitoraġġ tal-bastiment, inklużi l-eżistenza, l-implimentazzjoni u l-operat effettiv tagħhom mill-kumpanija;

(b) in-natura u l-livell ta' kumplessità tas-sistema ta' rappurtar u ta' monitoraġġ tal-bastiment ikunu tali li ma jkunx hemm bżonn li ssir żjara fiżika fuq il-post;

(c) il-verifikatur ikun jista' jikseb u jivvaluta l-informazzjoni meħtieġa kollha mill-bogħod;

(d) meta ċirkostanzi serji, straordinarji u imprevedibbli, barra mill-kontroll tal-kumpanija, jipprevjenu lill-verifikatur milli jwettaq żjara fiżika fuq il-post u meta dawk iċ-ċirkostanzi ma jkunux jistgħu jingħelbu, wara li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha.

Il-verifikatur għandu jieħu miżuri sabiex inaqqas ir-riskju ta' verifika għal livell aċċettabbli sabiex jikseb assigurazzjoni raġonevoli li l-pjan ta' monitoraġġ ikun konformi mar-Regolament (UE) 2015/757.

Id-deċiżjoni li ssir żjara virtwali fuq il-post għandha tittieħed wara li jiġi ddeterminat li l-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' żjara virtwali fuq il-post jiġu ssodisfati. Il-verifikatur għandu jinforma mingħajr dewmien żejjed lill-kumpanija bid-deċiżjoni li jwettaq żjara virtwali fuq il-post u li l-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' żjara virtwali fuq il-post jkunu ssodisfati.

6. Il-verifikatur jista' jirrinunzja żjara fuq il-post kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 5 dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 5, il-punti (a), (b) u (c), jkunu ssodisfati b'mod kumulattiv.

Il-verifikatur għandu jieħu miżuri sabiex inaqqas ir-riskju ta' verifika għal livell aċċettabbli sabiex jikseb assigurazzjoni raġonevoli li l-pjan ta' monitoraġġ ikun konformi mar-Regolament (UE) 2015/757.

Id-deċiżjoni ta' rinunzja għal żjara fuq il-post għandha ssir wara li jiġi ddeterminat li l-kundizzjonijiet għar-rinunzja taż-żjarat fuq il-post ikunu ssodisfati. Il-verifikatur għandu jinforma mingħajr dewmien żejjed lill-kumpanija bid-deċiżjoni li jirrinunzja żjara fuq il-post u li l-kundizzjonijiet għar-rinunzja taż-żjarat fuq il-post ikunu ssodisfati.

7. Żjara fuq il-post kif imsemmija fil-paragrafi 1 u 5 ma għandhiex tiġi rrinunzjata fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) meta l-pjan ta' monitoraġġ ta' bastiment jiġi vvalutat għall-ewwel darba mill-verifikatur;

(b) jekk ikun sar tibdil sinifikanti fil-pjan ta' monitoraġġ matul il-perjodu ta' rappurtar kif imsemmi fl-Artikolu 7(2), il-punti (b) sa (e), tar-Regolament (UE) 2015/757.

8. Jekk il-verifikatur iwettaq żjara virtwali fuq il-post skont il-paragrafu 5 jew jirrinunzja żjara fuq il-post skont il-paragrafu 6, huwa għandu jipprovdi ġustifikazzjoni sabiex jagħmel dan fid-dokumentazzjoni tal-verifika interna.

Artikolu 7

Indirizzar tan-nuqqasijiet ta' konformità fil-pjan ta' monitoraġġ

1. Meta l-verifikatur jidentifika n-nuqqasijiet ta' konformità matul il-valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ, huwa għandu jinforma lill-kumpanija bihom mingħajr dewmien bla bżonn u jitlob li jsiru l-korrezzjonijiet rilevanti f'perjodu ta' żmien propost.

2. Il-kumpanija għandha tikkoreġi n-nuqqasijiet ta' konformità kollha kkomunikati mill-verifikatur u tippreżenta pjan ta' monitoraġġ rivedut lill-verifikatur skont il-perjodu ta' żmien miftiehem, li jippermetti lill-verifikatur jivvalutah mill-ġdid qabel jibda l-perjodu ta' rappurtar.

3. Il-verifikatur għandu jiddokumenta fid-dokumentazzjoni tal-verifika interna, u jimmarka bħala riżolti, in-nuqqasijiet ta' konformità kollha li jkunu ġew ikkoreġuti matul il-valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ.

Artikolu 8

Rieżami indipendenti tal-valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ

1. It-tim tal-verifika għandu jippreżenta d-dokumentazzjoni tal-verifika interna u jabbozza l-konklużjonijiet mill-valutazzjoni tal-pjan lil rieżaminatur indipendenti mingħajr dewmien u qabel ma jikkomunikahom lill-kumpanija.

2. Ir-rieżaminatur indipendenti għandu jwettaq rieżami sabiex jiżgura li l-pjan ta' monitoraġġ ikun ġie vvalutat f'konformità ma' dan ir-Regolament u li jkunu ġew eżerċitati attenzjoni u ġudizzju professjonali xierqa.

3. L-ambitu tar-rieżami indipendenti għandu jinkludi l-proċess sħiħ ta' valutazzjoni deskritt fl-Artikoli 4 sa 9.

4. Il-verifikatur għandu jinkludi r-riżultati tar-rieżami indipendenti fid-dokumentazzjoni tal-verifika interna.

Artikolu 9

Konklużjonijiet tal-verifikatur dwar il-valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ

Fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura matul il-valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ, il-verifikatur għandu jinforma mingħajr dewmien lill-kumpanija bil-miktub dwar il-konklużjonijiet milħuqin. Il-konklużjonijiet għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni dwar jekk il-pjan ta' monitoraġġ ikunx ivvalutat bħala konformi mar-Regolament (UE) 2015/757, mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1927 u, meta applikabbli, mad-Direttiva 2003/87/KE, jew dwar jekk fihx nuqqasijiet ta' konformità li jagħmluh mhux konformi mar-Regolament (UE) 2015/757, mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1927 u, meta applikabbli, mad-Direttiva 2003/87/KE;

(b) deskrizzjoni tan-nuqqasijiet ta' konformità mhux ikkoreġuti, jekk ikun hemm;

(c) sommarju tal-proċeduri tal-verifikatur, inkluża informazzjoni dwar iż-żjarat fuq il-post, dwar ir-raġunijiet għat-twettiq ta' żjarat virtwali fuq il-post jew ir-raġunijiet għar-rinunzja tagħhom;

(d) meta pjan ta' monitoraġġ jiġi vvalutat wara bidliet fil-pjan ta' monitoraġġ kif imsemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2015/757, sommarju ta' dawk il-bidliet matul il-perjodu ta' rappurtar ikkonċernat;

(e) kwalunkwe element rilevanti ieħor li jinstab matul il-valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ.

TAQSIMA 2

Verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet u tar-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet

Artikolu 10

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-kumpaniji

1. Qabel il-bidu tal-verifika tar-rapport dwar l-emissjonijiet, u tar-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet, il-kumpaniji għandhom jipprovdu lill-verifikatur bl-informazzjoni ta' sostenn li ġejja:

(a) lista tal-vjaġġi mwettqin mill-bastiment inkwistjoni matul il-perjodu ta' rappurtar jew, f'dak li għandu x'jaqsam mar-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet, il-perjodu li matulu l-bastiment kien taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2015/757;

(b) meta jkun hemm lakuni fid-*data* matul il-perjodu ta' rappurtar:

(i) in-numru ta' vjaġġi li għalihom seħħew lakuni fid-*data*, u ċ-ċirkostanzi u r-raġunijiet għat-tali lakuni fid-*data*;

(ii) il-metodu ta' stima għad-*data* ta' sostituzzjoni applikat, kif imsemmi fil-Parti C, il-punt 2, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/757 u, meta applikabbli, fil-pjan ta' monitoraġġ;

(iii) l-ammont tal-emissjonijiet ikkalkulat fuq il-bażi ta' *data* ta' sostituzzjoni;

(c) kopja tar-rapport dwar l-emissjonijiet mis-sena ta' qabel, meta xieraq, jekk il-verifikatur ma jkunx wettaq il-verifika għal dak ir-rapport;

(d) kopja tal-pjan jew tal-pjanijiet ta' monitoraġġ applikati, bil-konklużjonijiet mill-valutazzjoni mwettqa minn verifikatur akkreditat u, meta applikabbli, evidenza tal-approvazzjoni mill-awtorità amministrattiva responsabbli flimkien man-notifika mibgħuta mill-awtorità amministrattiva responsabbli lill-kumpanija.

2. Ladarba l-verifikatur ikun identifika t-taqsima/taqsimiet jew id-dokument(i) speċifiċi meqjusin rilevanti għall-fini tal-verifika tiegħu, il-kumpaniji għandhom jipprovdu wkoll l-informazzjoni ta' sostenn li ġejja:

(a) kopji tal-ġurnal ta' abbord uffiċjali tal-bastiment u tal-ktieb tar-reġistrazzjoni taż-żejt (jekk dan jinżamm separat);

(b) kopji tad-dokumenti tal-bunkering;

(c) kopji ta' kwalunkwe ċertifikat rilevanti dwar il-fjuwils għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-fatturi ta' emissjoni f'konformità mal-Anness I jew mal-Parti C, il-punt 1.2, tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2015/757;

(d) kopji tad-dokumenti li fihom informazzjoni dwar in-numru ta' passiġġieri ttrasportati u l-ammont ta' merkanzija li tinġarr, id-distanza vvjaġġata u ż-żmien imqatta' fuq il-baħar għall-vjaġġi tal-bastiment matul il-perjodu ta' rappurtar.

3. Barra minn hekk, u jekk ikun applikabbli fuq il-bażi tal-metodu ta' monitoraġġ applikat, il-verifikaturi jistgħu jitolbu lill-kumpanija sabiex tipprovdi:

(a) ħarsa ġenerali lejn il-perspettiva tal-IT li turi l-fluss tad-*data* għall-bastiment rilevanti;

(b) evidenza tal-manutenzjoni u tal-akkuratezza/tal-inċertezza tal-apparat tal-kejl/apparat li jkejjel il-fluss (eż. iċ-ċertifikati ta' kalibrazzjoni);

(c) silta mid-*data* dwar l-attività tal-konsum tal-fjuwil minn apparat li jkejjel il-fluss;

(d) kopji ta' evidenza tal-qari tal-miter mit-tank tal-fjuwil;

(e) silta mid-*data* dwar l-attività mis-sistemi li jkejlu l-emissjonijiet diretti;

(f) kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti għall-verifika tar-rapport dwar l-emissjonijiet jew tar-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet.

4. Fil-każ ta' bidla tal-kumpanija, il-kumpaniji involuti għandhom jeżerċitaw diliġenza xierqa sabiex jipprovdu lill-verifikatur, fuq talba tiegħu, bid-dokumenti ta' sostenn jew bl-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 b'rabta mal-vjaġġi mwettqin taħt ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.

5. Il-kumpaniji għandhom iżommu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 għall-perjodi stabbiliti fil-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1973 għall-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (il-Konvenzjoni MARPOL) u fil-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1988 għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (il-Konvenzjoni SOLAS). Sakemm jinħareġ id-Dokument ta' konformità f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2015/757 jew, għal rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet, sakemm joħroġ ir-rapport ta' verifika, il-verifikatur jista' jitlob kwalunkwe mill-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3.

Artikolu 11

Analiżi strateġika

1. Fil-bidu tal-verifika, il-verifikatur għandu jivvaluta n-natura, l-iskala u l-kumplessità li x'aktarx ikollhom il-kompiti tal-verifika billi jwettaq analiżi strateġika tal-attivitajiet kollha li jkunu rilevanti għall-bastiment.

2. Sabiex jifhem l-attivitajiet imwettqin mill-kumpanija, il-verifikatur għandu jiġbor u jirrieżamina l-informazzjoni meħtieġa sabiex jivvaluta li t-tim tal-verifika jkun kompetenti biżżejjed sabiex iwettaq il-verifika, sabiex jistabbilixxi li l-allokazzjoni taż-żmien indikata fil-kuntratt ġiet stabbilita tajjeb u sabiex jiżgura li huwa jkollu l-ħila jwettaq l-analiżi tar-riskji neċessarja. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi tal-anqas:

(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 10(1) u (2);

(b) l-informazzjoni miksuba mill-verifika fis-snin ta' qabel, jekk il-verifikatur ikun qiegħed iwettaq il-verifika għall-istess kumpanija.

3. Huwa u jirrieżamina l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-verifikatur għandu jivvaluta tal-anqas l-aspetti li ġejjin:

(a) il-magni tal-bastimenti u t-tipi ta' fjuwil użati, kif ukoll in-numru ta' vjaġġi mwettqin mill-bastiment inkwistjoni matul il-perjodu ta' rappurtar;

(b) il-pjan ta' monitoraġġ kif ivvalutat mill-verifikatur u, meta applikabbli, kif approvat mill-awtorità amministrattiva responsabbli;

(c) l-attivitajiet tal-fluss tad-*data* u s-sistema ta' kontroll.

4. Huwa u jwettaq l-analiżi strateġika, il-verifikatur għandu jivverifika l-affarijiet li ġejjin:

(a) jekk il-pjan ta' monitoraġġ ippreżentat lilu jkunx l-aktar verżjoni riċenti u, meta meħtieġ f'konformità mal-Artikolu 6(8) u mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2015/757, jekk ġiex approvat mill-awtorità amministrattiva responsabbli;

(b) jekk kienx hemm kwalunkwe modifika fil-pjan ta' monitoraġġ matul il-perjodu ta' rappurtar kif imsemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2015/757, u, meta applikabbli, jekk tkunx ġiet approvata mill-awtorità amministrattiva responsabbli.

Artikolu 12

Analiżi tar-riskju li trid issir minn verifikaturi

1. Minbarra l-elementi msemmijin fil-paragrafi 1, 2 u 3 tal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2015/757, il-verifikatur għandu jidentifika u janalizza dawn kollha li ġejjin:

(a) ir-riskji inerenti;

(b) ir-riskji ta' kontroll;

(c) ir-riskji tad-detezzjoni.

Huwa u jidentifika u janalizza l-elementi msemmijin fl-ewwel subparagrafu, il-verifikatur għandu jqis is-sejbiet mill-analiżi strateġika msemmija fl-Artikolu 11(1).

2. Meta jwettaq l-analiżi tar-riskju, il-verifikatur għandu jqis kwalunkwe qasam ta' riskju ogħla ta' verifika u tal-anqas dawn li ġejjin: id-*data* dwar il-vjaġġ, il-konsum tal-fjuwil, it-tipi ta' fjuwil użati, l-applikazzjoni ta' kwalunkwe deroga mill-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2003/87/KE prevista fl-Artikoli 12(3a), 12(3b) u 12(3-e) sa 12(3-b) ta' dik id-Direttiva, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, id-distanza vvjaġġata, il-merkanzija ttrasportata u l-aggregazzjoni tad-*data* fir-rapport dwar l-emissjonijiet jew fir-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet.

3. Meta jidentifika u janalizza l-aspetti msemmijin fil-paragrafu 2, il-verifikatur għandu jikkunsidra l-eżistenza, il-kompletezza, l-akkuratezza, il-konsistenza, it-trasparenza u r-rilevanza tal-informazzjoni rrapportata.

4. Meta jkun xieraq, fid-dawl tal-informazzjoni miksuba matul il-verifika, il-verifikatur għandu jirrevedi l-analiżi tar-riskju u jimmodifika jew jirrepeti l-attivitajiet ta' verifika li jridu jitwettqu.

Artikolu 13

Pjan ta' verifika

Il-verifikatur għandu jabbozza pjan ta' verifika proporzjonat mal-informazzjoni miksuba u mar-riskji identifikati matul l-analiżi tar-riskju. Il-pjan ta' verifika għandu jinkludi dawn li ġejjin:

(a) programm ta' verifika li jiddeskrivi n-natura u l-ambitu tal-attivitajiet ta' verifika, kif ukoll il-ħin li fih u l-mod li bih iridu jitwettqu dawn l-attivitajiet;

(b) pjan magħmul bħala test li jistabbilixxi l-ambitu u l-metodi tal-ittestjar tal-attivitajiet tal-kontroll kif ukoll il-proċeduri għall-attivitajiet tal-kontroll;

(c) pjan ta' kampjunar tad-*data* li jistabbilixxi l-ambitu u l-metodi tal-kampjunar tad-*data* marbutin mal-punti tad-*data* sottostanti għall-informazzjoni aggregata dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-konsum tal-fjuwil jew informazzjoni rilevanti oħra fir-rapport dwar l-emissjonijiet jew fir-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet.

Artikolu 14

Proċess ta' verifika li jikkonċerna r-rapport dwar l-emissjonijiet u r-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet

1. Il-verifikatur għandu jimplimenta l-pjan ta' verifika u, fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskju, jivverifika jekk is-sistemi ta' rappurtar u ta' monitoraġġ, kif deskritti fil-pjan ta' monitoraġġ li kien ivvalutat bħala sodisfaċenti, jeżistux fil-prattika u jekk ġewx implimentati kif suppost.

Għal dak l-għan, il-verifikatur għandu jikkunsidra li jwettaq it-tipi ta' proċessi li ġejjin:

(a) domandi lill-persunal rilevanti;

(b) spezzjoni tad-dokumenti;

(c) proċeduri ta' osservazzjoni u ta' proċess mill-bidu sal-aħħar ("walkthrough").

2. Il-verifikatur għandu jivverifika dawn li ġejjin:

(a) l-attivitajiet tal-fluss tad-*data* u s-sistemi użati fil-fluss tad-*data*, fosthom is-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni;

(b) jekk l-attivitajiet tal-kontroll ikunux iddokumentati tajjeb, implimentati, miżmumin u effettivi sabiex jimmitigaw ir-riskji inerenti;

(c) jekk il-proċeduri elenkati fil-pjan ta' monitoraġġ ikunux effikaċi sabiex jitnaqqsu r-riskji inerenti u r-riskji tal-kontroll u jekk il-proċeduri jkunux implimentati, iddokumentati biżżejjed u miżmumin tajjeb.

Għall-finijiet tal-punt (a), il-verifikatur għandu jsegwi l-fluss tad-*data* billi jsegwi s-sekwenza u l-interazzjoni tal-attivitajiet tal-fluss tad-*data* mid-*data* mis-sorsi primarji sal-kumpilazzjoni tar-rapport dwar l-emissjonijiet jew tar-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet.

Għall-finijiet tal-punti (b) u (c), il-verifikatur jista' juża metodi ta' kampjunar speċifiċi għal bastiment dment li, fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskju, il-kampjunar ikun ġustifikat.

Artikolu 15

Verifika tad-*data* rrapportata

1. Il-verifikatur għandu jivverifika d-*data* rrapportata fir-rapport dwar l-emissjonijiet jew fir-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet permezz ta' dawn li ġejjin:

(a) ittestjar dettaljat, inkluż permezz tat-traċċar tad-*data* lura għas-sors primarju tad-*data*;

(b) kontroverifiki tad-*data* mas-sorsi esterni tad-*data*, inkluża *data* dwar it-traċċar tal-bastimenti;

(c) it-twettiq ta' rikonċiljazzjonijiet;

(d) il-verifika tal-limiti fir-rigward tad-*data* xierqa;

(e) it-twettiq ta' kalkoli mill-ġdid.

2. Bħala parti mill-verifika tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1, il-verifikatur għandu jivverifika:

(a) il-kompletezza tas-sorsi tal-emissjonijiet kif deskritt fil-pjan ta' monitoraġġ;

(b) il-kompletezza tad-*data*, inkluża dik dwar il-vjaġġi rrapportati bħala li jaqgħu taħt ir-Regolament (UE) 2015/757;

(c) il-kompletezza u l-konsistenza tad-*data* relatata mal-emissjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, inkluż fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dawn:

(i) il-kamp ta' applikazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 3ga tad-Direttiva 2003/87/KE;

(ii) l-introduzzjoni gradwali tar-rekwiżiti ta' ċediment kif stabbilit fl-Artikolu 3gb tad-Direttiva 2003/87/KE;

(iii) id-derogi mill-Artikolu 12(3) tad-Direttiva 2003/87/KE previsti fl-Artikoli 12(3a), 12(3b) u 12(3-e) sa 12(3-b) ta' dik id-Direttiva;

(d) il-konsistenza bejn id-*data* aggregata rrapportata u d-*data* mid-dokumentazzjoni rilevanti jew minn sorsi primarji;

(e) il-konsistenza bejn il-konsum aggregat tal-fjuwil u d-*data* dwar il-fjuwil mixtri jew fornut b'mod ieħor lill-bastiment inkwistjoni, jekk applikabbli;

(f) l-affidabbiltà u l-akkuratezza tad-*data*.

Artikolu 16

Verifika tal-metodi applikati għad-*data* nieqsa

1. Meta jkunu ntużaw il-metodi stabbiliti fil-pjan ta' monitoraġġ kif ivvalutat mill-verifikatur u, meta applikabbli, kif approvat mill-awtorità amministrattiva responsabbli sabiex tiġi kkompletata d-*data* nieqsa skont il-Parti C tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2015/757, il-verifikatur għandu jivverifika jekk il-metodi użati kinux xierqa għas-sitwazzjoni speċifika u jekk dawn ġewx applikati tajjeb jew le.

2. Meta l-metodi msemmijin fil-paragrafu 1 ma jkunux ġew ivvalutati jew approvati minn qabel, il-verifikatur għandu jivverifika jekk l-approċċ użat mill-kumpanija sabiex tikkompleta d-*data* nieqsa jiżgurax li l-emissjonijiet ma jiġux issottovalutati u li dak l-approċċ ma jwassalx għal dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

Artikolu 17

Livell ta' materjalità

1. Għall-fini tal-verifika tal-konsum tal-fjuwil u tad-*data* dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fir-rapport dwar l-emissjonijiet u fir-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet, il-livell ta' materjalità għandu jkun ta' 5 % tat-total rispettiv irrapportat għal kull element fil-perjodu ta' rappurtar.

2. Għall-fini tal-verifika ta' informazzjoni rilevanti oħra fir-rapport dwar l-emissjonijiet u fir-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet dwar it-tagħbija li tinġarr, ix-xogħol tat-trasport, id-distanza vvjaġġata u ż-żmien imqatta' fuq il-baħar, il-livell ta' materjalità għandu jkun ta' 5 % tat-total rispettiv irrapportat għal kull element fil-perjodu ta' rappurtar.

Artikolu 18

Żjarat fuq il-post

1. Il-verifikatur għandu jwettaq żjarat fuq il-post sabiex jikseb biżżejjed għarfien tal-kumpanija u tas-sistema ta' rappurtar u ta' monitoraġġ tal-bastiment kif deskritta fil-pjan ta' monitoraġġ.

2. Il-verifikatur għandu jiddetermina l-post jew il-postijiet fejn issir iż-żjara fuq il-post fuq il-bażi tar-riżultati tal-analiżi tar-riskju u wara li jieħu f'kunsiderazzjoni l-post fejn tinħażen il-massa kritika tad-*data* rilevanti, inklużi kopji elettroniċi jew stampati tad-dokumenti li l-oriġinali tagħhom għandhom jinżammu fuq il-bastiment, kif ukoll il-post fejn jitwettqu l-attivitajiet ta' fluss tad-*data* u tal-kontroll.

3. Fuq il-bażi tal-eżitu ta' żjara fuq il-post fuq l-art, meta jikkonkludi li tkun meħtieġa verifika abbord sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' dikjarazzjonijiet skorretti materjali fir-rapport dwar l-emissjonijiet jew fir-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet, il-verifikatur jista' jiddeċiedi li jżur il-bastiment.

4. Il-verifikatur għandu jiddetermina wkoll l-attivitajiet li għandhom jitwettqu u ż-żmien meħtieġ għaż-żjara fuq il-post.

5. Il-kumpanija għandha tipprovdi lill-verifikatur b'aċċess għas-siti tagħha, inkluż għall-postijiet fuq l-art rilevanti tagħha u għall-bastiment rilevanti.

6. Il-verifikatur jista' jwettaq żjara virtwali fuq il-post dment li, fuq il-bażi tal-eżitu tal-analiżi tar-riskju, tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-verifikatur ikollu biżżejjed għarfien tas-sistemi ta' rappurtar u ta' monitoraġġ tal-bastiment, inklużi l-eżistenza, l-implimentazzjoni u l-operat effettiv tagħhom mill-kumpanija;

(b) in-natura u l-livell ta' kumplessità tas-sistema ta' rappurtar u ta' monitoraġġ tal-bastiment ikunu tali li ma jkunx hemm bżonn li ssir żjara fiżika fuq il-post;

(c) il-verifikatur ikun jista' jikseb u jivvaluta mill-bogħod l-informazzjoni meħtieġa kollha, inklużi l-applikazzjoni korretta tal-metodoloġija deskritta fil-pjan ta' monitoraġġ u l-verifika tad-*data* rrapportata fir-rapport dwar l-emissjonijiet jew fir-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet;

(d) meta ċirkostanzi serji, straordinarji u imprevedibbli, barra mill-kontroll tal-kumpanija, jipprevjenu lill-verifikatur milli jwettaq żjara fiżika fuq il-post u meta dawk iċ-ċirkostanzi ma jkunux jistgħu jingħelbu, wara li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha.

Il-verifikatur għandu jieħu miżuri sabiex inaqqas ir-riskju ta' verifika għal livell aċċettabbli sabiex jikseb assigurazzjoni raġonevoli li r-rapport dwar l-emissjonijiet jew ir-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet ikun konformi mar-Regolament (UE) 2015/757.

Minħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, il-punt (d), il-verifikatur ma għandux iwettaq żjara virtwali fuq il-post jekk ma tkun saret l-ebda żjara fiżika fuq il-post fit-tliet perjodi ta' rappurtar immedjatament qabel il-perjodu ta' rappurtar kurrenti. Il-perjodu ta' 3 snin għandu jirreferi għal tliet perjodi ta' rappurtar konsekuttivi li jibdew wara l-1 ta' Jannar 2024, inklużi perjodi ta' rappurtar li fihom saru żjarat virtwali fuq il-post skont l-ewwel subparagrafu, il-punt (d).

Id-deċiżjoni li ssir żjara virtwali fuq il-post għandha tittieħed wara li jiġi ddeterminat li l-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' żjara virtwali fuq il-post jiġu ssodisfati. Il-verifikatur għandu jinforma minħajr dewmien żejjed lill-kumpanija bid-deċiżjoni li jwettaq żjara virtwali fuq il-post u li l-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' żjara virtwali fuq il-post jkunu ssodisfati.

7. Il-verifikatur jista' jiddeċiedi li jirrinunzja żjara fuq il-post kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 6 dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 6, il-punti (a), (b) u (c), jkunu ssodisfati b'mod kumulattiv.

Il-verifikatur għandu jieħu miżuri sabiex inaqqas ir-riskju ta' verifika għal livell aċċettabbli sabiex jikseb assigurazzjoni raġonevoli li r-rapport dwar l-emissjonijiet jew ir-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet ikun konformi mar-Regolament (UE) 2015/757.

Id-deċiżjoni ta' rinunzja għal żjara fuq il-post għandha ssir wara li jiġi ddeterminat li l-kundizzjonijiet għar-rinunzja taż-żjarat fuq il-post ikunu ssodisfati. Il-verifikatur għandu jinforma lill-kumpanija minħajr dewmien żejjed bid-deċiżjoni li jirrinunzja żjara fuq il-post u li l-kundizzjonijiet għar-rinunzja taż-żjarat fuq il-post ikunu ssodisfati.

8. Żjara fuq il-post kif imsemmija fil-paragrafi 1 u 6 ma għandhiex tiġi rrinunzjata fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) meta r-rapport dwar l-emissjonijiet jew ir-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet ta' bastiment jiġi vverifikat għall-ewwel darba mill-verifikatur;

(b) jekk verifikatur ma jkunx wettaq żjara fuq il-post fiż-żewġ perjodi ta' rappurtar immedjatament qabel il-perjodu ta' rappurtar kurrenti.

9. Għal bastimenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, il-kumpanija għandha tinforma mingħajr dewmien żejjed lill-awtorità amministrattiva tagħha responsabbli bid-deċiżjoni tal-verifikatur li jirrinunzja ż-żjara fuq il-post.

L-awtorità amministrattiva responsabbli tista' toġġezzjona għad-deċiżjoni tal-verifikatur li jirrinunzja għaż-żjara fuq il-post, b'kunsiderazzjoni tal-elementi kollha li ġejjin:

(a) l-informazzjoni pprovduta mill-verifikatur dwar l-eżitu tal-analiżi tar-riskji;

(b) informazzjoni li l-informazzjoni meħtieġa kollha tista' tinkiseb u tiġi vvalutata mill-bogħod;

(c) evidenza li l-kundizzjonijiet kollha għar-rinunzja taż-żjara fuq il-post f'konformità mal-paragrafi 7 u 8 ikunu ssodisfati.

F'każ ta' oġġezzjoni, l-awtorità amministrattiva responsabbli għandha tinnotifika lill-kumpanija bl-oġġezzjoni u bir-raġunijiet għal tali oġġezzjoni fi żmien raġonevoli, iżda mhux aktar tard minn xahrejn mid-data li fiha tkun ġiet infurmata bid-deċiżjoni tal-verifikatur li jirrinunzja għaż-żjara fuq il-post.

10. Jekk il-verifikatur iwettaq żjara virtwali fuq il-post skont il-paragrafu 6 jew jirrinunzja żjara fuq il-post skont il-paragrafu 7, huwa għandu jipprovdi ġustifikazzjoni sabiex jagħmel dan fid-dokumentazzjoni tal-verifika interna.

Artikolu 19

Indirizzar tad-dikjarazzjonijiet skorretti u tan-nuqqasijiet ta' konformità fir-rapport dwar l-emissjonijiet u fir-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet

1. Meta l-verifikatur jidentifika dikjarazzjonijiet skorretti jew nuqqasijiet ta' konformità matul il-verifika tar-rapport dwar l-emissjonijiet jew tar-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet, huwa għandu jinforma lill-kumpanija bihom mingħajr dewmien bla bżonn u jitlob li jsiru l-korrezzjonijiet rilevanti f'perjodu ta' skadenza raġonevoli.

Il-kumpanija għandha tikkoreġi kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta jew nuqqas ta' konformità kkomunikat.

2. Il-verifikatur għandu jiddokumenta fid-dokumentazzjoni tal-verifika interna, billi jimmarkahom bħala riżolti, id-dikjarazzjonijiet skorretti jew in-nuqqasijiet ta' konformità kollha li jkunu ġew ikkoreġuti matul il-verifika.

3. Meta l-kumpanija ma tikkoreġix id-dikjarazzjonijiet skorretti jew in-nuqqasijiet ta' konformità msemmijin fil-paragrafu 1, il-verifikatur għandu, qabel joħroġ ir-rapport tal-verifika, jitlob lill-kumpanija sabiex tispjega l-kawżi ewlenin tad-dikjarazzjonijiet skorretti jew tan-nuqqasijiet ta' konformità.

4. Il-verifikatur għandu jivvaluta jekk id-dikjarazzjonijiet mhux ikkoreġuti, individwalment jew flimkien ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħrajn, ikollhomx impatt fuq l-emissjonijiet totali rrappurtati jew informazzjoni rilevanti oħra, u jekk dak l-impatt iwassalx għal dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

Il-verifikatur għandu jivvaluta jekk in-nuqqas ta' konformità mhux ikkoreġut, meta jittieħed waħdu jew flimkien ma' nuqqasijiet ta' konformità oħrajn, ikollux impatt fuq id-*data* rrappurtata jew le u jekk dak iwassalx għal dikjarazzjoni skorretta materjali jew le.

5. Il-verifikatur għandu jqis id-dikjarazzjonijiet skorretti jew in-nuqqasijiet ta' konformità li, individwalment jew flimkien ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħrajn, ikunu taħt il-livell ta' materjalità stabbilit fl-Artikolu 17 bħala dikjarazzjonijiet skorretti materjali meta dan ikun ġustifikat mill-iskala u min-natura tagħhom jew miċ-ċirkostanzi partikolari tal-okkorrenza tagħhom.

Artikolu 20

Konklużjoni tal-verifika tar-rapport dwar l-emissjonijiet u tar-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet

Sabiex titlesta l-verifika tar-rapport dwar l-emissjonijiet u tar-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet, il-verifikatur għandu:

(a) jikkonferma li twettqu l-attivitajiet ta' verifika kollha;

(b) iwettaq proċeduri analitiċi finali fuq id-*data* aggregata sabiex jiżgura li din tkun ħielsa minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali;

(c) jivverifika jekk l-informazzjoni fir-rapport tissodisfax ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2015/757 u, meta applikabbli, tad-Direttiva 2003/87/KE;

(d) qabel joħroġ ir-rapport tal-verifika, iħejji d-dokumentazzjoni tal-verifika interna u l-abbozz ta' rapport u jibgħathom lir-rieżaminatur indipendenti f'konformità mal-Artikolu 23;

(e) jawtorizza persuna sabiex tawtentiċizza r-rapport fuq il-bażi tal-konklużjonijiet milħuqin mir-rieżaminatur indipendenti u l-evidenza tad-dokumentazzjoni tal-verifika interna, u jinnotifika lill-kumpanija dwarhom.

Artikolu 21

Rakkomandazzjonijiet għat-titjib

1. Il-verifikatur għandu jikkomunika lill-kumpanija r-rakkomandazzjonijiet għal titjib b'rabta mad-dikjarazzjonijiet skorretti u man-nuqqasijiet ta' konformità mhux ikkoreġuti li ma jwasslux għal dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

2. Il-verifikatur jista' jikkomunika rakkomandazzjonijiet oħrajn għal titjib li huwa jqis rilevanti, fid-dawl tal-eżitu tal-attivitajiet ta' verifika.

3. Meta jikkomunika r-rakkomandazzjonijiet lill-kumpanija, il-verifikatur għandu jibqa' imparzjali *vis-à-vis* il-kumpanija, il-bastiment u s-sistema ta' rappurtar u ta' monitoraġġ. Huwa ma għandux jipperikola l-imparzjalità tiegħu billi jagħti pariri jew jiżviluppa partijiet mill-proċess ta' rapportar u monitoraġġ skont ir-Regolament (UE) 2015/757.

4. Waqt il-verifika wara sena li fiha jkunu saru rakkomandazzjonijiet għal titjib f'rapport ta' verifika, il-verifikatur għandu jivverifika jekk il-kumpanija tkunx implimentat dawk ir-rakkomandazzjonijiet għal titjib jew le u l-mod kif tkun għamlet dan. Jekk il-kumpanija ma tkunx implimentat dawk ir-rakkomandazzjonijiet, il-verifikatur għandu jivvaluta jekk dan iżidx jew jistax iżid ir-riskju ta' dikjarazzjonijiet skorretti.

Artikolu 22

Rapport ta' verifika tar-rapport dwar l-emissjonijiet jew tar-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet

1. Fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura, il-verifikatur għandu joħroġ rapport ta' verifika dwar kull rapport dwar l-emissjonijiet jew rapport parzjali dwar l-emissjonijiet soġġett għal verifika u jibgħat dak ir-rapport ta' verifika lill-kumpanija.

2. Malli tirċievi r-rapport ta' verifika skont il-paragrafu 1, il-kumpanija għandha tippreżenta r-rapport ta' verifika flimkien mar-rapport dwar l-emissjonijiet jew mar-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet lill-awtorità amministrattiva responsabbli, jekk applikabbli. Ir-rapport għandu jiġi sottomess bl-użu ta' sistemi awtomatizzati u formati ta' skambju tad-*data*.

3. Ir-rapport ta' verifika għandu jinkludi dikjarazzjoni li tivverifika r-rapport dwar l-emissjonijiet jew ir-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet bħala sodisfaċenti jew mhux sodisfaċenti.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, ir-rapport dwar l-emissjonijiet jew ir-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet għandu jitqies li jkun ġie vverifikat bħala sodisfaċenti biss jekk ikun ħieles minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali. Ir-rapport dwar l-emissjonijiet jew ir-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet ma għandhomx jiġu vverifikati bħala sodisfaċenti f'każ li jkun fihom dikjarazzjonijiet skorretti materjali li ma jkunux ġew ikkoreġuti qabel ma jkun inħareġ ir-rapport ta' verifika.

5. Ir-rapport ta' verifika għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) l-isem tal-kumpanija bin-numru uniku ta' identifikazzjoni tal-kumpanija u tas-sid reġistrat tal-IMO, u l-identifikazzjoni tal-bastiment;

(b) titolu li jagħmilha ċara li huwa rapport ta' verifika;

(c) l-identità tal-verifikatur, inklużi l-isem u l-indirizz tal-posta elettronika kummerċjali ta' persuna ta' kuntatt;

(d) l-objettivi u l-ambitu tal-verifika;

(e) referenza għar-rapport dwar l-emissjonijiet u għall-perjodu ta' rappurtar soġġett għal verifika jew għar-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet u għall-perjodu li matulu l-bastiment kien taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija soġġetta għal verifika;

(f) meta applikabbli, l-emissjonijiet aggregati totali tal-bastiment ta' gassijiet serra koperti mid-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-attivitajiet tat-trasport marittimu u li għandhom jiġu rrapportati skont dik id-Direttiva;

(g) referenza għal pjan ta' monitoraġġ wieħed jew aktar li ġew ivvalutati bħala sodisfaċenti u, meta applikabbli, indikazzjoni ta' jekk il-pjan ta' monitoraġġ rilevanti ġiex approvat mill-awtorità amministrattiva responsabbli qabel il-ħruġ tar-rapport ta' verifika;

(h) referenza għall-istandards ta' verifika użati;

(i) sommarju tal-proċeduri tal-verifikatur, inkluża informazzjoni dwar iż-żjarat fuq il-post u d-dati tagħhom, informazzjoni dwar ir-raġunijiet għat-twettiq ta' żjarat virtwali fuq il-post jew ir-raġunijiet għar-rinunzja tagħhom;

(j) sommarju tal-bidliet fil-pjan ta' monitoraġġ u fid-*data* dwar l-attività fil-perjodu ta' rappurtar kif imsemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2015/757, meta applikabbli;

(k) dikjarazzjoni tal-verifika;

(l) deskrizzjoni tad-dikjarazzjonijiet skorretti u tan-nuqqasijiet ta' konformità mhux ikkoreġuti, inklużi n-natura u l-iskala tagħhom, jekk dawn għandhomx impatt materjali jew le u l-elementi tar-rapport dwar l-emissjonijiet jew tar-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet li miegħu/magħhom huma marbutin, jekk ikun hemm;

(m) deskrizzjoni ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità kif definit fil-punt (5)(b)(ii) tal-Artikolu 2, li jkun sar evidenti matul il-verifika;

(n) in-numru ta' vjaġġi b'lakuni fid-*data*, jekk ikun hemm, u l-ammont korrispondenti ta' emissjonijiet;

(o) meta applikabbli, ir-rakkomandazzjonijiet għal titjib;

(p) l-ismijiet tal-awditur ewlieni tal-MRV tat-trasport marittimu, tar-rieżaminatur indipendenti u, meta applikabbli, tal-awditur tal-MRV tat-trasport marittimu u tal-espert tekniku li kienu involuti fil-verifika tar-rapport dwar l-emissjonijiet jew tar-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet;

(q) id-data tar-rapport ta' verifika u l-firma ta' persuna awtorizzata f'isem il-verifikatur, inkluż l-isem ta' dik il-persuna.

6. Il-verifikatur għandu jiddeskrivi d-dikjarazzjonijiet skorretti u n-nuqqasijiet ta' konformità f'dettall suffiċjenti fir-rapport ta' verifika, inklużi l-aspetti li ġejjin:

(a) id-daqs u n-natura tad-dikjarazzjoni skorretta jew tan-nuqqas ta' konformità;

(b) għaliex id-dikjarazzjoni skorretta jkollha effett materjali jew le;

(c) għal liema element tar-rapport tal-kumpanija tirreferi d-dikjarazzjoni skorretta jew għal liema element tal-pjan ta' monitoraġġ, jew għal liema rekwiżiti legali jirreferi n-nuqqas ta' konformità.

Artikolu 23

Rieżami indipendenti tar-rapport dwar l-emissjonijiet u tar-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet

1. Ir-rieżaminatur indipendenti għandu jirrieżamina d-dokumentazzjoni tal-verifika interna u l-abbozz tar-rapport ta' verifika sabiex jivverifika li l-proċess ta' verifika tmexxa f'konformità ma' dan ir-Regolament u li ġew eżerċitati attenzjoni u ġudizzju professjonali xierqa.

2. L-ambitu tar-rieżami indipendenti għandu jinkludi l-proċess ta' verifika sħiħ stabbilit fl-Artikoli 10 sa 22.

3. Wara li r-rapport ikun ġie awtentikat f'konformità mal-Artikolu 20(e), il-verifikatur għandu jinkludi r-riżultati tar-rieżami indipendenti fid-dokumentazzjoni tal-verifika interna u għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment dwar jekk il-kundizzjonijiet għall-ħruġ tad-dokument ta' konformità humiex issodisfati.

TAQSIMA 3

Verifika tar-rapporti fil-livell tal-kumpaniji

Artikolu 24

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-kumpaniji

1. Qabel il-bidu tal-verifika tar-rapport fil-livell tal-kumpaniji, il-kumpaniji għandhom jipprovdu lill-verifikatur bl-informazzjoni li ġejja:

(a) ir-rapport fil-livell tal-kumpaniji għall-perjodu ta' rappurtar li għandu jiġi vverifikat u, meta applikabbli, kopja tar-rapport verifikat fil-livell tal-kumpanija u tar-rapport ta' verifika fil-livell tal-kumpaniji mis-sena ta' qabel, jekk il-verifika ma tkunx twettqet mill-istess verifikatur;

(b) ir-rapporti dwar l-emissjonijiet u r-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet flimkien mar-rapporti ta' verifika għall-bastimenti kollha taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija matul il-perjodu ta' rappurtar;

(c) meta applikabbli, jekk fis-sena preċedenti l-verifika tar-rapport fil-livell tal-kumpanija ma tkunx twettqet mill-istess verifikatur, ir-rapporti dwar l-emissjonijiet u r-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet mis-sena ta' qabel, flimkien mar-rapporti ta' verifika rilevanti, fir-rigward tal-bastimenti kollha taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija matul is-sena preċedenti;

(d) lista tal-bastimenti kollha tal-kumpanija b'tunnellaġġ gross ta' 5 000 u aktar, bin-numru ta' identifikazzjoni tal-bastiment tal-IMO tagħhom, matul perjodu ta' rappurtar, inkluż il-perjodu li matulu l-bastiment kien proprjetà tal-kumpanija jew taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija skont ir-Regolament (KE) Nru 336/2006.

2. Il-verifikaturi jistgħu jitolbu lill-kumpanija tipprovdi kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti għall-verifika tar-rapport fil-livell tal-kumpaniji, inkluża kopja tal-pjanijiet ta' monitoraġġ tal-bastimenti taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija matul il-perjodu ta' rappurtar u, jekk applikabbli, evidenza tal-bidla fil-kumpanija inkluża evidenza għad-data tal-bidla.

Artikolu 25

Analiżi strateġika

1. Fil-bidu tal-verifika, il-verifikatur għandu jivvaluta n-natura, l-iskala u l-kumplessità li x'aktarx ikollhom il-kompiti tal-verifika billi jwettaq analiżi strateġika tal-attivitajiet kollha li jkunu rilevanti għall-kumpanija.

2. Sabiex jifhem l-attivitajiet imwettqin mill-kumpanija, il-verifikatur għandu jiġbor u jirrieżamina l-informazzjoni meħtieġa sabiex jivvaluta li t-tim tal-verifika jkun kompetenti biżżejjed sabiex iwettaq il-verifika, sabiex jistabbilixxi li l-allokazzjoni taż-żmien indikata fil-kuntratt ġiet stabbilita tajjeb u sabiex jiżgura li huwa jkollu l-ħila jwettaq l-analiżi tar-riskji neċessarja. L-informazzjoni għandha tinkludi:

(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 24(1);

(b) l-informazzjoni miksuba mill-verifika fis-snin ta' qabel, jekk il-verifikatur ikun qiegħed iwettaq il-verifika għall-istess kumpanija.

Artikolu 26

Analiżi tar-riskju li trid issir minn verifikaturi

1. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-kompletezza u tal-konsistenza tad-*data* rrappurtata skont l-Artikolu 14(4) tar-Regolament (UE) 2015/757, il-verifikatur għandu jqis oqsma ta' riskju ogħla ta' verifika filwaqt li jqis elementi bħal dawn:

(a) in-numru ta' bastimenti taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija matul il-perjodu ta' rappurtar;

(b) in-numru ta' bidliet fil-kumpanija għall-bastimenti taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija matul il-perjodu ta' rappurtar;

(c) id-diversità tal-magni tal-bastimenti u tat-tipi ta' fjuwil użati;

(d) in-numru ta' Stati tal-bandiera differenti;

(e) il-medda ta' verifikaturi differenti li jkunu wettqu verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet tal-bastimenti taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija matul il-perjodu ta' rappurtar;

(f) in-numru ta' pjanijiet ta' monitoraġġ ta' bastimenti taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija li ma kinux approvati mill-awtorità amministrattiva responsabbli qabel il-ħruġ tar-rapport ta' verifika għar-rapporti rilevanti dwar l-emissjonijiet jew għar-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet;

(g) in-numru, in-natura u l-iskala tad-dikjarazzjonijiet skorretti u tan-nuqqasijiet ta' konformità relatati mar-rapporti dwar l-emissjonijiet jew mar-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet tal-bastimenti taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija, kif irrapportat fir-rapporti ta' verifika korrispondenti.

2. Meta jkun xieraq, fid-dawl tal-informazzjoni miksuba matul il-verifika, il-verifikatur għandu jirrevedi l-analiżi tar-riskju u jimmodifika jew jirrepeti l-attivitajiet ta' verifika li jridu jitwettqu.

Artikolu 27

Pjan ta' verifika fil-livell tal-kumpaniji

Il-verifikatur għandu jabbozza pjan ta' verifika proporzjonat mal-informazzjoni miksuba u mar-riskji identifikati matul l-analiżi tar-riskju.

Il-pjan ta' verifika għandu jinkludi programm ta' verifika li jiddeskrivi n-natura u l-ambitu tal-attivitajiet ta' verifika, kif ukoll il-ħin li fih u l-mod li bih iridu jitwettqu dawn l-attivitajiet, u, meta xieraq, pjan għall-kampjunar tad-*data*.

Artikolu 28

Proċess ta' verifika li jikkonċerna r-rapport fil-livell tal-kumpaniji

Fuq il-bażi tal-analiżi tar-riskju, il-verifikatur għandu jikkunsidra li jwettaq it-tipi ta' proċessi li ġejjin:

(a) domandi lill-persunal rilevanti;

(b) spezzjoni tad-dokumenti;

(c) proċeduri ta' osservazzjoni u ta' proċess mill-bidu sal-aħħar ("walkthrough").

Artikolu 29

Verifika tad-*data* rrapportata fil-livell tal-kumpaniji

1. Il-verifikatur għandu jivvaluta l-kompletezza u l-konsistenza tad-*data* rrapportata fir-rapport fil-livell tal-kumpaniji permezz ta' dawn li ġejjin:

(a) ittestjar dettaljat, inkluż permezz tat-traċċar tad-*data* lura għas-sors rilevanti tad-*data*;

(b) kontroverifika tad-*data* mad-*data* mir-rapporti verifikati dwar l-emissjonijiet u, jekk ikun neċessarju, minn sorsi tad-*data* esterni, inkluża d-*data* dwar it-traċċar tal-bastimenti;

(c) it-twettiq ta' rikonċiljazzjonijiet;

(d) it-twettiq ta' kalkoli mill-ġdid.

2. Bħala parti mill-verifika tad-data msemmija fil-paragrafu 1, il-verifikatur għandu jivverifika:

(a) il-kompletezza tar-rapport fil-livell tal-kumpaniji, inkluż li l-bastimenti kollha taħt ir-responsabbiltà tal-kumpanija matul il-perjodu ta' rappurtar u l-emissjonijiet korrispondenti tagħhom li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE huma inklużi fih;

(b) il-korrettezza tal-kalkoli li jwasslu għad-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpaniji.

Artikolu 30

Livell ta' materjalità għar-rapporti fil-livell tal-kumpaniji

1. Għall-finijiet tal-verifika ta' rapport fil-livell tal-kumpaniji, meta s-somma tal-emissjonijiet aggregati totali tal-bastimenti kollha ta' gassijiet serra li għandhom jiġu rrapportati skont id-Direttiva 2003/87/KE kif iddeterminat fil-livell tal-bastimenti f'konformità mal-Parti C, il-punti 1.1 sa 1.7, tal-Anness II tar-Regolament (UE) 2015/757 taqbeż il-500 000 tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO_2, il-livell ta' materjalità għandu jkun ta' 2 % ta' dik id-*data* dwar l-emissjonijiet fil-perjodu ta' rappurtar.

2. Għall-finijiet tal-verifika ta' rapport fil-livell tal-kumpaniji, meta l-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ma jaqbiżx il-500 000 tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO_2, il-livell ta' materjalità għandu jkun ta' 5 % tad-*data* dwar l-emissjonijiet fil-perjodu ta' rappurtar.

Artikolu 31

Żjarat fuq il-post

1. Il-verifikatur għandu jwettaq żjarat fuq il-post sabiex jivverifika rapport fil-livell tal-kumpaniji, b'mod partikolari fuq il-bażi tal-eżitu tal-analiżi tar-riskju skont l-Artikolu 26, filwaqt li jitqiesu l-post fejn tinħażen il-massa kritika tad-*data* rilevanti u l-post fejn jitwettqu l-attivitajiet ta' fluss tad-*data* u l-attivitajiet tal-kontroll.

2. Il-verifikatur għandu jiddetermina wkoll l-attivitajiet li għandhom jitwettqu u ż-żmien meħtieġ għaż-żjara fuq il-post.

3. Il-kumpanija għandha tipprovdi lill-verifikatur b'aċċess għas-siti tagħha, inkluż għall-postijiet fuq l-art rilevanti tagħha u għall-bastimenti rilevanti tagħha.

4. Il-verifikatur jista' jwettaq żjara virtwali fuq il-post dment li, fuq il-bażi tal-eżitu tal-analiżi tar-riskju, tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-verifikatur ikun jista' jikseb u jivvaluta l-informazzjoni meħtieġa kollha mill-bogħod;

(b) meta ċirkostanzi serji, straordinarji u imprevedibbli, barra mill-kontroll tal-kumpanija, jipprevjenu lill-verifikatur milli jwettaq żjara fiżika fuq il-post u meta dawk iċ-ċirkostanzi ma jkunux jistgħu jingħelbu, wara li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha.

Il-verifikatur għandu jieħu miżuri sabiex inaqqas ir-riskju ta' verifika għal livell aċċettabbli sabiex jikseb assigurazzjoni raġonevoli li r-rapport fil-livell tal-kumpanija jkun konformi mar-Regolament (UE) 2015/757.

Id-deċiżjoni li ssir żjara virtwali fuq il-post għandha tittieħed wara li jiġi ddeterminat li l-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' żjara virtwali fuq il-post jiġu ssodisfati. Il-verifikatur għandu jinforma mingħajr dewmien żejjed lill-kumpanija bid-deċiżjoni li jwettaq żjara virtwali fuq il-post u li l-kundizzjonijiet għat-twettiq ta' żjara virtwali fuq il-post jkunu ssodisfati.

5. Fuq il-bażi tal-eżitu tal-analiżi tar-riskju, il-verifikatur jista' jiddeċiedi li jirrinunzja żjara fuq il-post imsemmija fil-paragrafi 1 u 4 dment li l-kundizzjonijiet ta' hawn taħt jiġu ssodisfati b'mod kumulattiv:

(a) il-verifikatur ikun jista' jikseb u jivvaluta l-informazzjoni meħtieġa kollha mill-bogħod;

(b) ma tkunx l-ewwel darba li l-verifikatur jivverifika rapport fil-livell tal-kumpanija għal dik il-kumpanija;

(c) il-verifika tista' titwettaq b'assigurazzjoni raġonevoli mingħajr żjara fuq il-post bħal din.

Il-verifikatur għandu jieħu miżuri sabiex inaqqas ir-riskju ta' verifika għal livell aċċettabbli sabiex jikseb assigurazzjoni raġonevoli li r-rapport fil-livell tal-kumpanija jkun konformi mar-Regolament (UE) 2015/757.

Id-deċiżjoni ta' rinunzja għal żjara fuq il-post għandha ssir wara li jiġi ddeterminat li l-kundizzjonijiet għar-rinunzja taż-żjara fuq il-post ikunu ssodisfati. Il-verifikatur għandu jinforma mingħajr dewmien żejjed lill-kumpanija bid-deċiżjoni li jirrinunzja żjara fuq il-post u li l-kundizzjonijiet għar-rinunzja taż-żjara fuq il-post ikunu ssodisfati.

6. Għal bastimenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE, il-kumpanija għandha tinforma mingħajr dewmien żejjed lill-awtorità amministrattiva tagħha responsabbli bid-deċiżjoni tal-verifikatur li jirrinunzja ż-żjara fuq il-post.

L-awtorità amministrattiva responsabbli tista' toġġezzjona għad-deċiżjoni tal-verifikatur li jirrinunzja għaż-żjara fuq il-post, b'kunsiderazzjoni tal-elementi kollha li ġejjin:

(a) l-informazzjoni pprovduta mill-verifikatur dwar l-eżitu tal-analiżi tar-riskji;

(b) evidenza li l-kundizzjonijiet kollha għar-rinunzja taż-żjara fuq il-post f'konformità mal-paragrafu 5 ikunu ssodisfati.

F'każ ta' oġġezzjoni, l-awtorità amministrattiva responsabbli għandha tinnotifika lill-kumpanija bl-oġġezzjoni u bir-raġunijiet għal tali oġġezzjoni fi żmien raġonevoli, iżda mhux aktar tard minn xahrejn mid-data li fiha tkun ġiet infurmata bid-deċiżjoni tal-verifikatur li jirrinunzja għaż-żjara fuq il-post.

7. Jekk il-verifikatur iwettaq żjara virtwali fuq il-post skont il-paragrafu 4 jew jirrinunzja żjara fuq il-post skont il-paragrafu 5, huwa għandu jipprovdi ġustifikazzjoni sabiex jagħmel dan fid-dokumentazzjoni tal-verifika interna.

Artikolu 32

Indirizzar tad-dikjarazzjonijiet skorretti u tan-nuqqasijiet ta' konformità fir-rapport fil-livell tal-kumpaniji

1. Meta l-verifikatur jidentifika dikjarazzjonijiet skorretti jew nuqqasijiet ta' konformità fir-rapport fil-livell tal-kumpaniji matul il-verifika tiegħu, huwa għandu jinforma lill-kumpanija bihom mingħajr dewmien bla bżonn u jitlob li jsiru l-korrezzjonijiet rilevanti f'perjodu ta' skadenza raġonevoli.

Il-kumpanija għandha tikkoreġi kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta jew nuqqas ta' konformità kkomunikat.

2. Il-verifikatur għandu jiddokumenta fid-dokumentazzjoni tal-verifika interna d-dikjarazzjonijiet skorretti jew in-nuqqasijiet ta' konformità kollha li jkunu ġew ikkoreġuti matul il-verifika, filwaqt li jimmarkahom bħala riżolti.

3. Meta l-kumpanija ma tikkoreġix id-dikjarazzjonijiet skorretti jew in-nuqqasijiet ta' konformità msemmijin fil-paragrafu 1, il-verifikatur għandu, qabel joħroġ ir-rapport tal-verifika, jitlob lill-kumpanija sabiex tispjega l-kawżi ewlenin tad-dikjarazzjonijiet skorretti jew tan-nuqqasijiet ta' konformità.

4. Il-verifikatur għandu jivvaluta jekk id-dikjarazzjonijiet mhux ikkoreġuti, individwalment jew flimkien ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħrajn, ikollhomx impatt fuq l-emissjonijiet totali rrappurtati jew informazzjoni rilevanti oħra, u jekk dak l-impatt iwassalx għal dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

Il-verifikatur għandu jivvaluta jekk in-nuqqas ta' konformità mhux ikkoreġut, meta jittieħed waħdu jew flimkien ma' nuqqasijiet ta' konformità oħrajn, ikollux impatt fuq id-*data* rrappurtata jew le u jekk dan iwassalx għal dikjarazzjoni skorretta materjali jew le.

5. Il-verifikatur għandu jqis id-dikjarazzjonijiet skorretti jew in-nuqqasijiet ta' konformità li, individwalment jew flimkien ma' dikjarazzjonijiet skorretti oħrajn, ikunu taħt il-livell ta' materjalità stabbilit fl-Artikolu 30 bħala dikjarazzjonijiet skorretti materjali meta dan ikun ġustifikat mill-iskala u min-natura tagħhom jew miċ-ċirkostanzi partikolari tal-okkorrenza tagħhom.

Artikolu 33

Konklużjonijiet tal-verifika tar-rapport fil-livell tal-kumpaniji

Sabiex titlesta l-verifika tar-rapport fil-livell tal-kumpaniji, il-verifikatur għandu:

(a) jikkonferma li twettqu l-attivitajiet ta' verifika kollha;

(b) iwettaq proċeduri analitiċi finali fuq id-data aggregata sabiex jiżgura li din tkun ħielsa minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali;

(c) jivverifika jekk l-informazzjoni fir-rapport tissodisfax ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2015/757 u tad-Direttiva 2003/87/KE;

(d) qabel joħroġ ir-rapport tal-verifika, iħejji d-dokumentazzjoni tal-verifika interna u l-abbozz ta' rapport u jibgħathom lir-rieżaminatur indipendenti f'konformità mal-Artikolu 36;

(e) jawtorizza persuna sabiex tawtentiċizza r-rapport fuq il-bażi tal-konklużjonijiet milħuqin mir-rieżaminatur indipendenti u l-evidenza tad-dokumentazzjoni tal-verifika interna, u jinnotifika lill-kumpanija dwarhom.

Artikolu 34

Rakkomandazzjonijiet għat-titjib

1. Il-verifikatur għandu jikkomunika lill-kumpanija r-rakkomandazzjonijiet għal titjib b'rabta mad-dikjarazzjonijiet skorretti u man-nuqqasijiet ta' konformità mhux ikkoreġuti li ma jwasslux għal dikjarazzjonijiet skorretti materjali.

2. Il-verifikatur jista' jikkomunika rakkomandazzjonijiet oħrajn għal titjib li huwa jqis rilevanti, fid-dawl tal-eżitu tal-attivitajiet ta' verifika.

3. Meta jikkomunika r-rakkomandazzjonijiet lill-kumpanija, il-verifikatur għandu jibqa' imparzjali *vis-à-vis* il-kumpanija, il-bastimenti u s-sistema ta' rappurtar u ta' monitoraġġ. Huwa ma għandux jipperikola l-imparzjalità tiegħu billi jagħti pariri jew jiżviluppa partijiet mill-proċess ta' rapportar u monitoraġġ skont ir-Regolament (UE) 2015/757.

4. Waqt il-verifika wara sena li fiha jkunu saru rakkomandazzjonijiet għal titjib f'rapport ta' verifika, il-verifikatur għandu jivverifika jekk il-kumpanija tkunx implimentat dawk ir-rakkomandazzjonijiet għal titjib jew le u l-mod kif tkun għamlet dan. Jekk il-kumpanija ma tkunx implimentat dawk ir-rakkomandazzjonijiet, il-verifikatur għandu jivvaluta jekk dak iżidx jew jistax iżid ir-riskju ta' dikjarazzjonijiet skorretti.

Artikolu 35

Rapport ta' verifika fil-livell tal-kumpaniji

1. Fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura, il-verifikatur għandu joħroġ rapport ta' verifika dwar ir-rapport fil-livell tal-kumpanija soġġett għal verifika u jibgħat dak ir-rapport ta' verifika lill-kumpanija.

2. Malli tirċievi r-rapport ta' verifika skont il-paragrafu 1, il-kumpanija għandha tissottometti r-rapport ta' verifika flimkien mar-rapport fil-livell tal-kumpanija lill-awtorità amministrattiva responsabbli. Ir-rapporti għandhom jiġu sottomessi billi jintużaw sistemi awtomatizzati u formati ta' skambju tad-*data*.

3. Ir-rapport ta' verifika għandu jinkludi dikjarazzjoni li tivverifika r-rapport fil-livell tal-kumpanija bħala sodisfaċenti jew mhux sodisfaċenti.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, ir-rapport fil-livell tal-kumpanija għandu jitqies li jkun ġie vverifikat bħala sodisfaċenti biss jekk ikun ħieles minn dikjarazzjonijiet skorretti materjali. Ir-rapport fil-livell tal-kumpanija ma għandhomx jiġu vverifikati bħala sodisfaċenti f'każ li jkun fihom dikjarazzjonijiet skorretti materjali li ma jkunux ġew ikkoreġuti qabel ma jkun inħareġ ir-rapport ta' verifika.

5. Ir-rapport ta' verifika għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) l-isem tal-kumpanija u n-numru uniku ta' identifikazzjoni tal-kumpanija u tas-sid reġistrat tal-IMO;

(b) titolu li jagħmilha ċara li huwa rapport ta' verifika;

(c) l-identità tal-verifikatur, inklużi l-isem u l-indirizz tal-posta elettronika kummerċjali ta' persuna ta' kuntatt;

(d) l-objettivi u l-ambitu tal-verifika;

(e) referenza għar-rapport fil-livell tal-kumpanija u l-perjodu ta' rapportar soġġett għal verifika;

(f) id-*data* aggregata dwar l-emissjonijiet fil-livell tal-kumpanija, kif ukoll id-*data* dwar l-emissjonijiet li għandha tiġi sottomessa billi jintuża l-format stabbilit fl-Anness IX tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 ([12]);

(g) referenza għall-istandards ta' verifika użati;

(h) sommarju tal-proċeduri tal-verifikatur, inkluża informazzjoni dwar iż-żjarat fuq il-post u d-dati tagħhom, informazzjoni dwar ir-raġunijiet għat-twettiq ta' żjarat virtwali fuq il-post jew ir-raġunijiet għar-rinunzja tagħhom skont l-Artikolu 31;

(i) dikjarazzjoni tal-verifika;

(j) deskrizzjoni tad-dikjarazzjonijiet skorretti u tan-nuqqasijiet ta' konformità mhux ikkoreġuti kif imsemmi fl-Artikolu 32, inklużi n-natura u l-iskala tagħhom, jekk dawn għandhomx impatt materjali jew le u l-elementi tar-rapport fil-livell tal-kumpanija li miegħu huma marbutin, jekk ikun hemm;

(k) deskrizzjoni ta' kwalunkwe nuqqas ta' konformità maħruġ kif definit fl-Artikolu 2(5), il-punt (c), li jkun sar evidenti matul il-verifika;

(l) meta applikabbli, ir-rakkomandazzjonijiet għal titjib;

(m) l-ismijiet tal-awditur ewlieni tal-MRV tat-trasport marittimu, tar-rieżaminatur indipendenti u, meta applikabbli, tal-awditur tal-MRV tat-trasport marittimu u tal-espert tekniku li kienu involuti fil-verifika tar-rapport fil-livell tal-kumpanija;

(n) id-data tar-rapport ta' verifika u l-firma ta' persuna awtorizzata f'isem il-verifikatur, inkluż l-isem ta' dik il-persuna.

6. Il-verifikatur għandu jiddeskrivi d-dikjarazzjonijiet skorretti jew in-nuqqasijiet ta' konformità f'dettall suffiċjenti fir-rapport ta' verifika, inklużi l-aspetti li ġejjin:

(a) id-daqs u n-natura tad-dikjarazzjoni skorretta jew tan-nuqqas ta' konformità;

(b) għaliex id-dikjarazzjoni skorretta jkollha effett materjali jew le;

(c) għal liema element tar-rapport tirreferi d-dikjarazzjoni skorretta, jew għal liema rekwiżiti legali jirreferi n-nuqqas ta' konformità.

Artikolu 36

Rieżami indipendenti tar-rapport fil-livell tal-kumpaniji

1. Ir-rieżaminatur indipendenti għandu jirrieżamina d-dokumentazzjoni tal-verifika interna u l-abbozz tar-rapport ta' verifika sabiex jivverifika li l-proċess ta' verifika tmexxa f'konformità ma' dan ir-Regolament u li ġew eżerċitati attenzjoni u ġudizzju professjonali xierqa.

2. L-ambitu tar-rieżami indipendenti għandu jinkludi l-proċess ta' verifika sħiħ stabbilit fl-Artikoli 24 sa 35.

3. Wara l-awtentikazzjoni tar-rapport f'konformità mal-Artikolu 33, il-punt(e), il-verifikatur għandu jinkludi r-riżultati tar-rieżami indipendenti fid-dokumentazzjoni tal-verifika interna.

KAPITOLU III

REKWIŻITI GĦALL-VERIFIKATURI

Artikolu 37

Proċess kontinwu ta' kompetenza

1. Il-verifikatur għandu jistabbilixxi, jiddokumenta, jimplimenta u jżomm proċess kontinwu ta' kompetenza sabiex jiżgura li l-membri tal-persunal kollha fdati bl-attivitajiet ta' verifika jkunu kompetenti sabiex iwettqu l-kompiti li jiġu allokati lilhom.

([12]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni (ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3).

2. Għall-finijiet tal-proċess ta' kompetenza msemmi fil-paragrafu 1, il-verifikatur għandu jistabbilixxi, jiddokumenta, jimplimenta u jżomm l-aspetti li ġejjin:

(a) kriterji ġenerali ta' kompetenza għall-persunal kollu li jwettaq l-attivitajiet ta' verifika;

(b) il-kriterji speċifiċi ta' kompetenza għal kull funzjoni tal-verifikatur li jwettaq l-attivitajiet ta' verifika, b'mod partikolari għall-awditur ewlieni tal-MRV tat-trasport marittimu, għall-awditur tal-MRV tat-trasport marittimu, għar-rieżaminatur indipendenti u għall-espert tekniku;

(c) metodu sabiex jiġu żgurati l-kompetenza kontinwa u l-evalwazzjoni regolari tal-prestazzjoni tal-membri tal-persunal kollha li jwettqu l-attivitajiet ta' verifika;

(d) proċess sabiex jiġi żgurat it-taħriġ kontinwu tal-membri tal-persunal li jwettqu l-attivitajiet ta' verifika;

(e) proċess sabiex jiġi vvalutat jekk l-impenn ta' verifika jaqax taħt l-ambitu tal-akkreditazzjoni tal-verifikatur, u jekk il-verifikatur għandux il-kompetenza, il-persunal u r-riżorsi sabiex jagħżel il-grupp ta' verifika u jlesti b'suċċess l-attivitajiet ta' verifika fil-perjodu ta' żmien meħtieġ.

Fl-evalwazzjoni tal-kompetenza tal-persunal skont l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), il-verifikatur għandu jivvaluta dik il-kompetenza skont il-kriterji ta' kompetenza msemmijin fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b).

Il-proċess imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (e), għandu jinkludi wkoll proċess sabiex jiġi vvalutat jekk it-tim tal-verifika jkollux il-kompetenza u l-persuni kollha meħtieġa sabiex iwettaq l-attivitajiet ta' verifika għal kumpanija speċifika.

Il-verifikatur għandu jiżviluppa kriterji ġenerali u speċifiċi ta' kompetenza li jkunu konformi mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 38(4) u fl-Artikoli 39, 40 u 41.

3. Il-verifikatur għandu jimmonitorja regolarment, u tal-anqas darba fis-sena, il-prestazzjoni tal-membri tal-persunal kollha li jwettqu l-attivitajiet ta' verifika, sabiex jikkonferma l-kompetenza kontinwa tagħhom.

4. Il-verifikatur għandu jirrieżamina l-proċess ta' kompetenza kontinwu msemmi fil-paragrafu 1 b'mod regolari sabiex jiżgura l-affarijiet li ġejjin:

(a) il-kriterji ta' kompetenza msemmijin fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), jiġu żviluppati f'konformità mar-rekwiżiti ta' kompetenza skont dan ir-Regolament;

(b) il-kwistjonijiet kollha li jistgħu jiġu identifikati relatati mal-istabbiliment tal-kriterji ta' kompetenza ġenerali u speċifiċi skont il-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), huma indirizzati;

(c) ir-rekwiżiti kollha fil-proċess ta' kompetenza jiġu aġġornati u jinżammu kif xieraq.

5. Il-verifikatur għandu jkollu sistema sabiex jirreġistra r-riżultati tal-attivitajiet li jitwettqu fil-proċess ta' kompetenza msemmi fil-paragrafu 1.

6. Evalwatur kompetenti biżżejjed għandu jivvaluta l-kompetenza u l-prestazzjoni ta' awditur tal-MRV tat-trasport marittimu u ta' awditur ewlieni tal-MRV tat-trasport marittimu.

L-evalwatur kompetenti għandu jimmonitorja lil dawk l-awdituri matul il-verifika ta' rapport dwar l-emissjonijiet jew ta' rapport parzjali dwar l-emissjonijiet fil-post tal-kumpanija kif xieraq, sabiex jistabbilixxi jekk jissodisfawx il-kriterji ta' kompetenza.

7. Jekk membru tal-persunal ma jkunx kapaċi juri li huwa jissodisfa għalkollox il-kriterji ta' kompetenza għal kompitu speċifiku allokat lilu, il-verifikatur għandu jidentifika l-bżonn ta' taħriġ addizzjonali jew ta' esperjenza tax-xogħol taħt superviżjoni u jorganizzahom. Il-verifikatur għandu jimmonitorja lil dak il-membru sa ma dan juri lill-verifikatur li huwa jissodisfa l-kriterji ta' kompetenza.

Artikolu 38

Timijiet ta' verifika

1. Għal kull impenn ta' verifika partikolari, il-verifikatur għandu jlaqqa' tim ta' verifika li kapaċi jwettaq l-attivitajiet ta' verifika msemmijin fl-Artikoli 4 sa 36.

2. It-tim tal-verifika għandu jikkonsisti minn awditur ewlieni wieħed tal-MRV tat-trasport marittimu u, meta xieraq, fid-dawl tal-għarfien tal-verifikatur tal-kumplessità tal-kompiti li jridu jitwettqu u tal-ħila tiegħu li jmexxi l-analiżi tar-riskju neċessarja, numru xieraq ta' awdituri tal-MRV tat-trasport marittimu u ta' esperti tekniċi.

3. Għall-analiżi indipendenti tal-attivitajiet ta' verifika marbutin ma' impenn partikolari ta' verifika, il-verifikatur għandu jaħtar rieżaminatur indipendenti li ma għandux ikun jagħmel parti mit-tim ta' verifika.

4. Il-membri tat-tim għandu jkollhom fehim ċar tar-rwol speċifiku tagħhom fil-proċess ta' verifika u għandhom ikunu jistgħu jikkomunikaw b'mod effettiv bil-lingwa meħtieġa sabiex iwettqu l-kompiti ta' verifika tagħhom u jeżaminaw l-informazzjoni ppreżentata mill-kumpanija.

5. Meta t-tim tal-verifika jkun magħmul minn persuna waħda, dik il-persuna għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' kompetenza għall-awditur tal-MRV tat-trasport marittimu u għall-awditur ewlieni tal-MRV tat-trasport marittimu u tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 4.

Artikolu 39

Rekwiżiti ta' kompetenza għall-awdituri tal-MRV tat-trasport marittimu u għall-awdituri ewlenin tal-MRV tat-trasport marittimu

1. L-awdituri tal-MRV tat-trasport marittimu għandu jkollhom il-kompetenza li jivvalutaw il-pjanijiet ta' monitoraġġ u jivverifikaw ir-rapporti dwar l-emissjonijiet, ir-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet u r-rapporti fil-livell tal-kumpaniji f'konformità mar-Regolament (UE) 2015/757, mad-Direttiva 2003/87/KE u ma' dan ir-Regolament.

2. Għal dak l-għan, l-awdituri tal-MRV tat-trasport marittimu għandu jkollhom, tal-anqas:

(a) għarfien dwar ir-Regolament (UE) 2015/757, id-Direttiva 2003/87/KE, dan ir-Regolament, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1927, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1928, leġiżlazzjoni, standards u linji gwida applikabbli rilevanti oħrajn, kif ukoll linji gwida u leġiżlazzjoni rilevanti maħruġin mill-Istat Membru li fih ikun stabbilit il-verifikatur jew l-Istat Membru tal-awtorità amministrattiva responsabbli għall-kumpanija li għaliha l-verifikatur ikun qiegħed iwettaq verifika;

(b) għarfien tal-awditjar tad-*data* u tal-informazzjoni u esperjenza f'dan il-qasam, inklużi:

   (i) il-metodoloġiji tal-awditjar tad-*data* u tal-informazzjoni, l-applikazzjoni tal-livell ta' materjalità u l-valutazzjoni tal-materjalità tad-dikjarazzjonijiet skorretti;

   (ii) l-analiżi tar-riskji inerenti u tar-riskji ta' kontroll;

   (iii) it-tekniki ta' kampjunar b'rabta mal-kampjunar tad-*data* u mal-verifika tal-attivitajiet tal-kontroll;

   (iv) il-valutazzjoni tas-sistemi tad-*data* u tal-informazzjoni, tas-sistemi tal-IT, tal-attivitajiet ta' fluss tad-*data*, tal-attivitajiet tal-kontroll, tas-sistemi ta' kontroll u tal-proċeduri għall-attivitajiet tal-kontroll;

(c) il-kapaċità li jitwettqu l-attivitajiet relatati mal-verifika ta' rapport dwar l-emissjonijiet, ma' rapport parzjali dwar l-emissjonijiet jew ma' rapport fil-livell tal-kumpaniji kif meħtieġ mill-Artikoli 4 sa 36.

3. Barra minn hekk, l-għarfien u l-esperjenza speċifiċi għas-settur tal-aspetti rilevanti kif speċifikati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu mill-verifikaturi għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ u tal-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet, tar-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet u tar-rapporti fil-livell tal-kumpaniji.

4. Awditur ewlieni tal-MRV tat-trasport marittimu għandu jissodisfa r-rekwiżiti ta' kompetenza għal awditur tal-MRV tat-trasport marittimu u għandu jkun wera kompetenza fit-tmexxija ta' tim ta' verifika u jkun responsabbli għat-twettiq tal-attivitajiet ta' verifika f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 40

Rekwiżiti ta' kompetenza għar-rieżaminaturi indipendenti

1. Ir-rieżaminatur indipendenti għandu jkollu l-awtorità xierqa sabiex jirrieżamina l-abbozz tal-konklużjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ, l-abbozz tar-rapport ta' verifika u d-dokumentazzjoni ta' verifika interna skont l-Artikoli 8, 23 u 36.

2. Ir-rieżaminatur indipendenti għandu jissodisfa r-rekwiżiti ta' kompetenza li japplikaw għall-awdituri ewlenin tal-MRV tat-trasport marittimu, kif imsemmi fl-Artikolu 39(4).

3. Sabiex jivvaluta jekk id-dokumentazzjoni tal-verifika interna hijiex kompleta u jekk inġabritx biżżejjed evidenza matul l-attivitajiet ta' verifika, ir-rieżaminatur indipendenti għandu jkollu l-kompetenza neċessarja sabiex:

(a) janalizza l-informazzjoni pprovduta u jikkonferma l-kompletezza u l-integrità tagħha;

(b) jikkontesta l-informazzjoni nieqsa jew kontradittorja;

(c) jiċċekkja t-traċċi tad-*data* sabiex tivvaluta jekk id-dokumentazzjoni tal-verifika interna tkunx kompluta u tipprovdix biżżejjed informazzjoni sabiex tappoġġa l-abbozz tal-konklużjonijiet dwar il-valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ, l-abbozz tar-rapport ta' verifika u l-konklużjonijiet eżaminati fir-rieżami intern.

Artikolu 41

Użu tal-esperti tekniċi

1. Huwa u jwettaq l-attivitajiet ta' verifika, verifikatur jista' juża esperti tekniċi sabiex jipprovdu għarfien u għarfien espert dettaljati dwar suġġett speċifiku li jkun meħtieġ sabiex l-awditur tal-MRV tat-trasport marittimu u l-awditur ewlieni tal-MRV tat-trasport marittimu jingħataw appoġġ fit-twettiq tal-attivitajiet ta' verifika tagħhom.

2. Meta r-rieżaminatur indipendenti ma jkollux il-kompetenza sabiex jivvaluta kwistjoni partikolari fil-proċess ta' rieżami, il-verifikatur għandu jitlob l-appoġġ ta' espert tekniku.

3. L-espert tekniku għandu jkollu l-kompetenza u l-ħiliet meħtieġa sabiex jappoġġa lill-awditur tal-MRV tat-trasport marittimu u lill-awditur ewlieni tal-MRV tat-trasport marittimu, jew ir-rieżaminatur indipendenti, fejn ikun meħtieġ, b'mod effikaċi dwar is-suġġett li għalih l-għarfien u l-kompetenza ta' tali espert ikunu meħtieġa. Barra minn hekk, l-espert tekniku għandu jkollu fehim suffiċjenti tal-kwistjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 39.

4. L-espert tekniku għandu jwettaq il-kompiti speċifiċi tiegħu taħt id-direzzjoni u taħt ir-responsabbiltà sħiħa tar-rieżaminatur indipendenti jew tal-awditur ewlieni tal-MRV tat-trasport marittimu tat-tim ta' verifika li fih ikun qiegħed jaħdem l-espert tekniku.

Artikolu 42

Proċeduri għall-attivitajiet ta' verifika

1. Il-verifikaturi għandhom jistabbilixxu, jiddokumentaw, jimplimentaw u jżommu proċedura waħda jew aktar u proċess wieħed jew aktar għall-attivitajiet ta' verifika deskritti fl-Artikoli 4 sa 36.

2. Meta jiġi biex jistabbilixxi u jimplimenta tali proċeduri u proċessi, il-verifikatur għandu jwettaq l-attivitajiet f'konformità mal-istandard armonizzat skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 dwar ir-rekwiżiti għall-korpi ta' verifika u validazzjoni tal-gassijiet serra għall-użu fl-akkreditazzjoni jew f'forom oħrajn ta' rikonoxximent ([13]).

3. Il-verifikaturi għandhom jistabbilixxu, jiddokumentaw, jimplimentaw u jżommu sistema ta' ġestjoni tal-kwalità sabiex jiżguraw l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, it-titjib u r-rieżami konsistenti tal-proċeduri u tal-proċessi f'konformità mal-istandard armonizzat imsemmi fil-paragrafu 2.

Is-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità għandha tinkludi dawn li ġejjin:

(a) politiki u responsabbiltajiet;

(b) rieżami tal-ġestjoni;

(c) awditi interni;

(d) azzjoni korrettiva;

([13]) ISO 14065:2020 dwar il-prinċipji u r-rekwiżiti ġenerali għall-korpi li jivvalidaw u jivverifikaw l-informazzjoni ambjentali.

(e) azzjonijiet sabiex jiġu indirizzati r-riskji u l-opportunitajiet u sabiex tittieħed azzjoni preventiva;

(f) kontroll tal-informazzjoni dokumentata.

4. Barra minn hekk, il-verifikaturi għandhom jistabbilixxu l-proċeduri, il-proċessi u l-arranġamenti li ġejjin f'konformità mal-istandard armonizzat imsemmi fil-paragrafu 2:

(a) proċess u politika għall-komunikazzjoni mal-kumpanija;

(b) arranġamenti adegwati sabiex titħares il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miksuba;

(c) proċess għall-indirizzar tal-appelli tal-kumpaniji;

(d) proċess għall-indirizzar tal-ilmenti (inkluża skeda taż-żmien indikattiva) tal-kumpaniji;

(e) proċess għall-ħruġ ta' rapport ta' verifika rivedut meta jkun ġie identifikat żball fir-rapport ta' verifika, fir-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet jew fir-rapport fil-livell tal-kumpaniji wara li l-verifikatur ikun ippreżenta r-rapport ta' verifika lill-kumpanija;

(f) proċedura jew proċess għall-esternalizzazzjoni tal-attivitajiet ta' verifika lil organizzazzjonijiet oħrajn;

(g) proċedura jew proċess sabiex jiġi żgurat li l-verifikatur jieħu responsabbiltà sħiħa għall-attivitajiet ta' verifika mwettqin minn individwi kkuntrattati;

(h) proċessi li jiżguraw il-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità kif imsemmi fil-paragrafu 3, inklużi:

(i) proċessi għar-rieżami tas-sistema ta' ġestjoni tal-anqas darba fis-sena, u mhux aktar minn 15-il xahar bejn rieżami u ieħor tal-ġestjoni;

(ii) proċessi għat-twettiq ta' awditi interni tal-anqas darba fis-sena, u mhux aktar minn 15-il xahar bejn żewġ awditi interni;

(iii) proċessi għall-identifikazzjoni u għall-ġestjoni tan-nuqqasijiet ta' konformità fl-attivitajiet tal-verifikatur u għat-teħid ta' azzjoni korrettiva sabiex jiġu indirizzati dawk in-nuqqasijiet ta' konformità;

(iv) proċessi għall-identifikazzjoni tar-riskji u tal-opportunitajiet fl-attivitajiet tal-verifikatur u għat-teħid ta' azzjonijiet preventivi sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun dawk ir-riskji;

(v) proċessi għall-kontroll ta' informazzjoni dokumentata.

Artikolu 43

Dokumentazzjoni ta' verifika interna

1. Il-verifikatur għandu jħejji u jikkompila dokumentazzjoni ta' verifika interna li jkun fiha tal-anqas l-affarijiet li ġejjin:

(a) ir-riżultati tal-attivitajiet ta' verifika li jkunu twettqu;

(b) il-pjan ta' verifika, l-analiżi strateġika u l-analiżi tar-riskju;

(c) biżżejjed informazzjoni sabiex tappoġġa l-valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ u tal-abbozz tar-rapport ta' verifika, inklużi l-ġustifikazzjonijiet għall-ġudizzji dwar jekk id-dikjarazzjonijiet skorretti kinux materjali jew le.

2. Id-dokumentazzjoni tal-verifika interna għandha tiġi abbozzata b'tali mod li r-rieżaminatur indipendenti msemmi fl-Artikoli 8, 23 u 36 u l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkunu jistgħu jivvalutaw jekk il-verifika tkunx twettqet f'konformità ma' dan ir-Regolament.

3. Il-verifikatur għandu, fuq talba, jipprovdi lill-awtorità kompetenti aċċess għad-dokumentazzjoni ta' verifika interna u għal informazzjoni rilevanti oħra sabiex tiġi ffaċilitata evalwazzjoni tal-verifika mill-awtorità amministrattiva responsabbli. L-awtorità amministrattiva responsabbli tista' tistabbilixxi perjodu ta' żmien li fih il-verifikatur għandu jipprovdi aċċess għal dik id-dokumentazzjoni.

Artikolu 44

Reġistri u komunikazzjoni

1. Il-verifikaturi għandhom iżommu u jimmaniġġjaw rekords sabiex juru l-konformità ma' dan ir-Regolament, inkluż fir-rigward tal-kompetenza u tal-imparzjalità tal-persunal tagħhom.

2. Verifikatur għandu, fuq bażi regolari, jagħmel l-informazzjoni disponibbli għall-kumpanija f'konformità mal-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 42(2).

3. Il-verifikaturi għandhom jissalvagwardjaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miksuba matul il-verifika, f'konformità mal-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 42(2).

Artikolu 45

Imparzjalità u indipendenza

1. Verifikatur għandu jkun indipendenti mill-kumpanija u għandu jkun imparzjali fit-twettiq tal-attivitajiet ta' verifika tiegħu.

Sabiex jiġu żgurati l-indipendenza u l-imparzjalità, il-verifikatur u kwalunkwe parti mill-istess entità legali ma għandhomx ikunu kumpanija kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2015/757, is-sid ta' tali kumpanija jew proprjetà ta' tali kumpanija, il-verifikatur lanqas ma għandu jkollu relazzjonijiet mal-kumpanija li jistgħu jaffettwaw l-indipendenza u l-imparzjalità tiegħu. Il-verifikatur għandu jkun indipendenti wkoll mill-korpi li jinnegozjaw il-kwoti tal-emissjonijiet fil-kuntest tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbilita skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/87/KE.

2. Il-verifikaturi għandhom ikunu organizzati b'tali mod li jissalvagwardjaw l-oġġettività, l-indipendenza u l-imparzjalità tagħhom. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fl-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 42(2).

3. Il-verifikaturi ma għandhomx iwettqu attivitajiet ta' verifika għal kumpanija li tippreżenta riskju inaċċettabbli għall-imparzjalità tagħhom jew li fir-rigward tagħha jkollhom kunflitt ta' interess. Il-verifikatur ma għandux juża persunal jew persuni kuntrattati fil-valutazzjoni ta' pjan ta' monitoraġġ jew fil-verifika ta' rapport dwar l-emissjonijiet, ta' rapport parzjali dwar l-emissjonijiet jew ta' rapport fil-livell tal-kumpaniji li jinvolvi kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali. Il-verifikatur għandu jiżgura wkoll li l-attivitajiet tal-persunal jew tal-organizzazzjonijiet ma jaffettwawx il-kunfidenzjalità, l-oġġettività, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-verifika. Għal dan l-għan, il-verifikatur għandu jimmonitorja r-riskji għall-imparzjalità u jieħu azzjoni xierqa sabiex jindirizza dawk ir-riskji.

4. Għandu jitqies li rriżulta riskju inaċċettabbli għall-imparzjalità jew kunflitt ta' interess, fost l-oħrajn, meta verifikatur, jew kwalunkwe parti mill-istess entità legali, tipprovdi:

(a) servizzi ta' konsulenza sabiex tiġi żviluppata parti mill-proċess ta' rappurtar u ta' monitoraġġ deskritt fil-pjan ta' monitoraġġ, inkluż l-iżvilupp tal-metodoloġija ta' monitoraġġ, l-abbozzar tar-rapport dwar l-emissjonijiet, tar-rapport parzjali dwar l-emissjonijiet jew tar-rapport fil-livell tal-kumpaniji, u l-abbozzar tal-pjan ta' monitoraġġ;

(b) assistenza teknika għall-iżvilupp jew għaż-żamma tas-sistema għall-monitoraġġ u għar-rappurtar tal-emissjonijiet jew ta' informazzjoni rilevanti oħra skont ir-Regolament (UE) 2015/757.

5. Għandu jitqies li jkun inħoloq kunflitt ta' interess għall-verifikatur fir-relazzjonijiet tiegħu mal-kumpanija b'mod partikolari fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) meta r-relazzjoni bejn il-verifikatur u l-kumpanija tkun ibbażata fuq sjieda komuni, governanza komuni, ġestjoni jew persunal komuni, riżorsi kondiviżi, finanzi komuni u kuntratti u kummerċjalizzazzjoni komuni;

(b) meta l-kumpanji tkun irċeviet is-servizzi ta' konsulenza msemmijin fil-paragrafu 4, il-punt (a) jew l-assistenza teknika msemmija fil-paragrafu 4, il-punt (b), minn korp ta' konsulenza, korp tal-assistenza teknika jew organizzazzjoni oħra li jkollha relazzjonijiet mal-verifikatur u li thedded l-imparzjalità tal-verifikatur.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), l-imparzjalità tal-verifikatur għandha titqies li tkun ġiet mhedda meta r-relazzjonijiet bejn il-verifikatur u l-korp ta' konsulenza, il-korp tal-assistenza teknika jew l-organizzazzjoni l-oħra jkunu bbażati fuq sjieda komuni, governanza komuni, ġestjoni jew persunal komuni, riżorsi kondiviżi, finanzi komuni, kuntratti jew kummerċjalizzazzjoni komuni u ħlas komuni tal-kummissjoni tal-bejgħ jew inċentivi oħrajn għar-riferiment ta' klijenti ġodda.

6. Il-verifikaturi ma għandhomx jesternalizzaw ir-rieżami indipendenti jew il-ħruġ tar-rapport ta' verifika.

7. Meta l-verifikaturi jesternalizzaw attivitajiet ta' verifika oħrajn, dawn għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fl-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 42(2).

Madankollu, l-ikkuntrattar ta' individwi sabiex iwettqu attivitajiet ta' verifika ma għandux jikkostitwixxi esternalizzazzjoni għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu jekk il-verifikatur, meta jikkuntratta lil dawk il-persuni, jieħu responsabbiltà sħiħa għall-attivitajiet ta' verifika mwettqin mill-persunal ikkuntrattat. Meta jikkuntratta individwi għat-twettiq tal-attivitajiet ta' verifika, il-verifikatur għandu jesiġi li dawk l-individwi jiffirmaw ftehim bil-miktub li huma jikkonformaw mal-proċeduri tal-verifikatur u li ma jkun hemm l-ebda kunflitt ta' interess fit-twettiq ta' dawk l-attivitajiet ta' verifika.

8. Verifikatur għandu jistabbilixxi, jiddokumenta, jimplimenta u jżomm proċess sabiex jiżgura l-imparzjalità u l-indipendenza kontinwi tiegħu, u dawk tal-partijiet mill-istess entità legali, ta' organizzazzjonijiet oħrajn imsemmijin fil-paragrafu 5, u tal-persunal kollu u tal-persuni kuntrattati kollha involuti fil-verifika. Dak il-proċess għandu jinkludi mekkaniżmu sabiex jitħarsu l-imparzjalità u l-indipendenza tal-verifikatur u jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fl-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 42(2).

9. Meta jivverifika l-istess kumpanija bħal fis-sena preċedenti, il-verifikatur għandu jivvaluta r-riskju għall-imparzjalità u jieħu miżuri sabiex inaqqas ir-riskju għall-imparzjalità.

10. Jekk l-awditur ewlieni tal-MRV tat-trasport marittimu jwettaq verifiki annwali tar-rapporti fil-livell tal-kumpanija għal perjodu ta' 6 snin konsekuttivi għal kumpanija partikolari, l-awditur ewlieni tal-MRV tat-trasport marittimu għandu jieħu waqfa ta' 3 snin konsekuttivi mill-għoti ta' verifika tar-rapporti fil-livell tal-kumpanija għal dik l-istess kumpanija. Il-perjodu massimu ta' 6 snin jinkludi l-verifiki tar-rapporti fil-livell tal-kumpaniji mwettqin għall-kumpanija minn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU IV

AKKREDITAZZJONI TAL-VERIFIKATURI

Artikolu 46

AKKREDITAZZJONI TAL-VERIFIKATURI

1. Fejn ma hemm stipulat l-ebda dispożizzjoni speċifika li tikkonċerna l-akkreditazzjoni tal-verifikaturi f'dan ir-Regolament jew fir-Regolament (UE) 2015/757, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

2. Fir-rigward tar-rekwiżiti minimi għall-akkreditazzjoni u r-rekwiżiti għall-korpi tal-akkreditazzjoni, għandu japplika l-istandard armonizzat skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 li jikkonċerna r-rekwiżiti ġenerali għall-korpi ta' akkreditazzjoni li jakkreditaw il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità ([14]).

Artikolu 47

Ambitu tal-akkreditazzjoni

L-ambitu tal-akkreditazzjoni tal-verifikaturi għandu jkopri l-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ u l-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet, tar-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet u tar-rapporti fil-livell tal-kumpaniji.

([14]) ISO/IEC 17029:2019 dwar il-valutazzjoni tal-konformità — Prinċipji ġenerali u rekwiżiti għall-korpi ta' validazzjoni u verifika, imsemmija fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1835 tat-3 ta' Diċembru 2020 dwar l-istandards armonizzati għall-akkreditazzjoni u l-valutazzjoni tal-konformità (ĠU L 408. 4.12.2020, p. 6).

Artikolu 48

Objettivi tal-proċess ta' akkreditazzjoni

Matul il-proċess ta' akkreditazzjoni u tas-sorveljanza annwali tal-verifikaturi akkreditati, f'konformità mal-Artikoli 50 sa 55, il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandhom jivvalutaw jekk il-verifikatur u l-persunal tiegħu li jkunu qegħdin iwettqu attivitajiet ta' verifika:

(a) ikollhomx il-kompetenza li jivvalutaw il-pjanijiet ta' monitoraġġ u jivverifikaw ir-rapporti dwar l-emissjonijiet, ir-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet u r-rapporti fil-livell tal-kumpaniji f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(b) fil-fatt ikunux qegħdin jivvalutaw il-pjanijiet ta' monitoraġġ u jivverifikaw ir-rapporti dwar l-emissjonijiet, ir-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet u r-rapporti fil-livell tal-kumpaniji f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(c) jissodisfawx ir-rekwiżiti għall-verifikaturi msemmijin fl-Artikoli 37 sa 45, inklużi dawk li jirrigwardaw l-imparzjalità u l-indipendenza.

Artikolu 49

Talbiet għal akkreditazzjoni

1. It-talbiet għal akkreditazzjoni għandhom jinkludu l-informazzjoni meħtieġa abbażi tal-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 46(2).

2. Barra minn hekk, qabel il-bidu tal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 50, il-verifikatur li jkun qed japplika għall-akkreditazzjoni ("l-applikant") għandu jagħmel disponibbli għall-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni informazzjoni dwar l-aspetti li ġejjin:

(a) il-proċeduri u l-proċessi msemmijin fl-Artikolu 42(1) u s-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità msemmija fl-Artikolu 42(3);

(b) il-kriterji ta' kompetenza msemmijin fl-Artikolu 37(2), il-punti (a) u (b), ir-riżultati tal-proċess ta' kompetenza kontinwa msemmi f'dak l-Artikolu u dokumentazzjoni rilevanti oħra dwar il-kompetenza tal-membri tal-persunal kollha involuti fl-attivitajiet ta' verifika kif imsemmi fl-Artikoli 39 u 40;

(c) il-proċess sabiex jiġu żgurati l-imparzjalità u l-indipendenza kontinwi, kif imsemmi fl-Artikolu 45(8), inklużi r-rekords rilevanti dwar l-imparzjalità u l-indipendenza tal-applikant u tal-persunal tiegħu;

(d) l-esperti tekniċi u l-persunal ewlieni involuti fil-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ u fil-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet, tar-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet u tar-rapporti fil-livell tal-kumpaniji;

(e) il-proċeduri u l-proċessi għall-iżgurar ta' verifika xierqa, inklużi dawk li jikkonċernaw id-dokumentazzjoni tal-verifika interna msemmija fl-Artikolu 43;

(f) ir-rekords rilevanti, kif imsemmijin fl-Artikolu 44;

(g) l-informazzjoni l-oħra kollha mitluba mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni.

Artikolu 50

Valutazzjoni

1. Għall-finijiet tal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 48, it-tim tal-valutazzjoni maħtur f'konformità mal-Artikolu 57 għandu, mill-inqas:

(a) jirrieżamina d-dokumenti u r-rekords rilevanti kollha forniti mill-applikant skont l-Artikolu 49;

(b) iwettaq żjara fuq il-post sabiex jirrieżamina kampjun rappreżentattiv tad-dokumentazzjoni tal-verifika interna u jivvaluta l-implimentazzjoni tas-sistema tal-ġestjoni tal-kwalità tal-applikant u l-proċeduri jew il-proċessi għall-attivitajiet ta' verifika msemmija fl-Artikolu 42;

(c) jixhed il-prestazzjoni u l-kompetenza ta' numru rappreżentattiv tal-membri persunal tal-applikant involuti fil-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ u fil-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet, tar-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet u tar-rapporti fil-livell tal-kumpaniji sabiex jiżgura li dawn joperaw f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. It-tim ta' valutazzjoni għandu jwettaq l-attivitajiet deskritti fil-paragrafu 1 f'konformità mar-rekwiżiti tal-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 46(2).

3. It-tim ta' valutazzjoni għandu jirrapporta s-sejbiet tiegħu u kwalunkwe nuqqasijiet ta' konformità lill-applikant u jitlob tweġiba, f'konformità mar-rekwiżiti tal-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 46(2).

4. L-applikant għandu jieħu azzjoni korrettiva sabiex jindirizza kwalunkwe nuqqas ta' konformità rrapportat skont il-paragrafu 3 u jissottometti tweġiba b'indikazzjoni ta' x'azzjoni jkun ħa, jew jippjana li jieħu fi żmien stabbilit mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni, bl-għan li jsolvihom.

5. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jirrieżamina t-tweġiba li jissottometti l-applikant skont il-paragrafu 4.

6. Meta l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jsib li t-tweġiba tal-applikant jew l-azzjoni meħuda tkun insuffiċjenti jew ineffettiva, huwa għandu jitlob lill-applikant sabiex jissottometti aktar informazzjoni jew jieħu azzjoni ulterjuri.

7. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jista' jitlob ukoll evidenza tal-implimentazzjoni effettiva tal-azzjoni korrettiva, jew iwettaq valutazzjoni ta' segwitu sabiex jivvalutaha.

Artikolu 51

Deċiżjoni dwar l-akkreditazzjoni u ċertifikat tal-akkreditazzjoni

1. Meta jkun qed iħejji u jieħu d-deċiżjoni dwar jekk għandux jagħti, jestendi jew iġedded l-akkreditazzjoni ta' applikant, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jieħu f'kunsiderazzjoni r-rekwiżiti tal-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 46(2).

2. Meta l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkun iddeċieda li jagħti jew iġedded akkreditazzjoni ta' applikant, huwa għandu joħroġ ċertifikat ta' akkreditazzjoni għal dak l-għan. Iċ-ċertifikat ta' akkreditazzjoni għandu jingħata għall-attivitajiet ta' verifika kollha skont ir-Regolament (UE) 2015/757.

3. Iċ-ċertifikat ta' akkreditazzjoni għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni meħtieġa abbażi tal-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 46(2).

4. Iċ-ċertifikat tal-akkreditazzjoni għandu jkun validu għal perjodu ta' mhux aktar minn 5 snin mid-data li fiha l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkun ħareġ dak iċ-ċertifikat.

Artikolu 52

Sorveljanza annwali

1. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jwettaq sorveljanza annwali ta' kull verifikatur li jkun inħariġlu ċertifikat tal-akkreditazzjoni. Dik is-sorveljanza għandha tinkludi, tal-anqas:

(a) żjara fuq il-post kif imsemmi fl-Artikolu 50(1), il-punt (b);

(b) xhieda tal-prestazzjoni u tal-kompetenza ta' numru rappreżentattiv tal-membri tal-persunal tal-verifikatur f'ma-Artikolu 50(1), il-punt (c).

2. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jwettaq l-ewwel sorveljanza ta' verifikatur f'konformità mal-paragrafu 1 fi żmien 12-il xahar mid-data li fiha jkun inħareġ iċ-ċertifikat ta' akkreditazzjoni.

3. L-ippjanar tas-sorveljanza għandu jippermetti lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jivvaluta l-kampjuni rappreżentanti tal-attivitajiet tal-verifikatur fil-kamp ta' applikazzjoni taċ-ċertifikat ta' akkreditazzjoni, kif ukoll tal-membri tal-persunal involuti fl-attivitajiet ta' verifika, skont ir-rekwiżiti tal-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 46(2).

4. Fuq il-bażi tar-riżultati tas-sorveljanza, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jiddeċiedi jekk jikkonfermax jew le l-kontinwazzjoni tal-akkreditazzjoni.

5. Meta verifikatur iwettaq verifika għal kumpanija assenjata lill-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir ta' Stat Membru għajr l-Istat Membru tal-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jkun akkredita lill-verifikatur, il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jkun akkredita lill-verifikatur jista' jitlob lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ta' dak l-Istat Membru l-ieħor biex iwettaq attivitajiet ta' sorveljanza f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

Artikolu 53

Rivalutazzjoni

1. Qabel l-iskadenza ta' ċertifikat ta' akkreditazzjoni maħruġ minnu, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jirrivaluta lill-verifikatur inkwistjoni sabiex jiddetermina jekk tistax tiġi estiża l-validità taċ-ċertifikat.

2. L-ippjanar tar-rivalutazzjoni għandu jiżgura li l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jivvaluta kampjun rappreżentattiv tal-attivitajiet tal-verifikatur koperti miċ-ċertifikat.

3. Waqt l-ippjanar u t-twettiq tar-rivalutazzjoni, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jissodisfa r-rekwiżiti tal-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 46(2).

Artikolu 54

Valutazzjoni straordinarja

1. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jista' jwettaq valutazzjoni straordinarja tal-verifikatur fi kwalunkwe waqt sabiex jiżgura li dan ikompli jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

2. Sabiex il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkun jista' jivvaluta l-ħtieġa għal valutazzjoni straordinarja, il-verifikatur għandu jgħarraf lill-korp minnufih bi kwalunkwe bidla sinifikanti rilevanti għall-akkreditazzjoni tiegħu dwar kwalunkwe aspett tal-istat jew tal-operat tagħha.

Dawk il-bidliet sinifikanti għandhom jinkludu l-bidliet imsemmija fl-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 46(2).

Artikolu 55

Miżuri amministrattivi

1. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jista' jissospendi jew jirtira l-akkreditazzjoni ta' verifikatur meta l-verifikatur ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

2. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jissospendi jew jirtira l-akkreditazzjoni ta' verifikatur meta l-verifikatur jitlob dan.

3. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jistabbilixxi, jiddokumenta, jimplimenta u jżomm proċedura għas-sospensjoni u l-irtirar tal-akkreditazzjoni f'konformità mal-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 46(2).

4. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jissospendi l-akkreditazzjoni ta' verifikatur meta l-verifikatur ikun:

(a) wettaq ksur serju tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;

(b) naqas b'mod persistenti u ripetut milli jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;

(c) kiser kwalunkwe terminu u kundizzjoni speċifiċi oħrajn stipulati mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni.

5. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jirtira l-akkreditazzjoni ta' verifikatur meta:

(a) il-verifikatur ikun naqas milli jieħu azzjonijiet ta' rimedju b'rabta mar-raġunijiet li għalihom ikun ġie deċiż li jiġi sospiż iċ-ċertifikat tal-akkreditazzjoni;

(b) jekk membru tal-maniġment superjuri tal-verifikatur jew membru tal-persunal tal-verifikatur li jkun involut f'attivitajiet ta' verifika skont dan ir-Regolament ikun instab ħati li wettaq frodi;

(c) jekk il-verifikatur ikun ta informazzjoni falza jew ikun ħeba l-informazzjoni b'mod intenzjonali.

6. Id-deċiżjonijiet ta' korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jissospendi jew jirtira akkreditazzjoni f'konformità mal-paragrafi 1, 4 u 5 għandhom ikunu soġġetti għal appell b'konformità mal-proċeduri stabbiliti mill-Istati Membri skont l-Artikolu 5(5) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

7. Id-deċiżjonijiet ta' korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jissospendi jew jirtira akkreditazzjoni għandhom jidħlu fis-seħħ wara li jiġu nnotifikati lill-verifikatur. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jikkunsidra l-impatt fuq l-attivitajiet imwettqin qabel dawk id-deċiżjonijiet fid-dawl tan-natura tan-nuqqas ta' konformità.

8. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jtemm is-sospensjoni ta' ċertifikat ta' akkreditazzjoni meta jkun irċieva informazzjoni sodisfaċenti u jikkonkludi li l-verifikatur jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU V

REKWIŻITI GĦALL-KORPI NAZZJONALI TA' AKKREDITAZZJONI

Artikolu 56

Rekwiżiti għal korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni

1. Fejn ma hemm stipulat l-ebda dispożizzjoni speċifika li tikkonċerna r-rekwiżiti għall-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni f'dan ir-Regolament jew fir-Regolament (UE) 2015/757, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni maħtura skont l-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandhom iwettqu il-funzjonijiet tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti tal-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 46(2).

Artikolu 57

Tim ta' valutazzjoni

1. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jaħtar tim ta' valutazzjoni għal kull valutazzjoni mwettqa skont ir-rekwiżiti tal-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 46(2).

2. Tim ta' valutazzjoni għandu jikkonsisti minn assessur ewlieni responsabbli mit-twettiq ta' valutazzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament u, meta neċessarju, minn numru adegwat ta' assessuri jew ta' esperti tekniċi bl-għarfien u bl-esperjenza rilevanti għall-ambitu speċifiku tal-akkreditazzjoni.

3. Tim ta' valutazzjoni għandu jinkludi, tal-anqas, persuna waħda bil-ħiliet li ġejjin:

(a) għarfien suffiċjenti tar-Regolament (UE) 2015/757, tad-Direttiva 2003/87/KE, ta' dan ir-Regolament u ta' leġiżlazzjoni rilevanti oħra msemmija fl-Artikolu 39(2), il-punt (a);

(b) il-kompetenza u l-fehim meħtieġa sabiex jiġu vvalutati l-attivitajiet ta' verifika msemmijin fl-Artikoli 4 sa 36 u għarfien suffiċjenti tal-karatteristiċi tad-diversi tipi ta' bastimenti u tal-monitoraġġ u tar-rappurtar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, tal-konsum tal-fjuwil u ta' informazzjoni rilevanti oħra skont ir-Regolament (UE) 2015/757.

Artikolu 58

Rekwiżiti ta' kompetenza għall-assessuri

1. L-assessuri għandu jkollhom il-kompetenza sabiex iwettqu l-attivitajiet imsemmijin fl-Artikoli 50 sa 55. Għal dak l-għan, l-assessur għandu:

(a) jissodisfa r-rekwiżiti tal-istandard armonizzat imsemmi fl-Artikolu 46(2);

(b) ikollu għarfien tal-awditjar tad-*data* u tal-informazzjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 39(2), il-punt (b), miksub permezz ta' taħriġ jew aċċess għal persuna li jkollha għarfien u esperjenza f'tali *data* u informazzjoni;

(c) ikollu għarfien suffiċjenti tal-leġiżlazzjoni rilevanti kif ukoll tal-linji gwida applikabbli kif imsemmi fl-Artikolu 39(2), il-punt (a).

2. Minbarra r-rekwiżiti tal-kompetenza stabbiliti fil-paragrafu 1, l-assessuri ewlenin għandhom juru kompetenza fit-tmexxija ta' tim ta' valutazzjoni u jkun responsabbli għat-twettiq ta' valutazzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament.

3. Minbarra r-rekwiżiti tal-kompetenza stabbiliti fil-paragrafu 1, ir-rieżaminaturi interni u l-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-għoti, l-estensjoni jew it-tiġdid ta' akkreditazzjoni għandu jkollhom biżżejjed għarfien u esperjenza sabiex jevalwaw l-akkreditazzjoni.

Artikolu 59

Esperti tekniċi

1. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jista' jinkludi esperti tekniċi fit-tim ta' valutazzjoni sabiex jipprovdu għarfien dettaljat u għarfien espert dwar suġġett speċifiku bl-għan li huwa jkun jista' jappoġġa lill-assessur ewlieni jew lill-assessur.

2. Espert tekniku għandu jkollu l-kompetenza meħtieġa sabiex jappoġġa b'mod effettiv lill-assessur ewlieni u lill-assessur fis-suġġett li dwaru jkun qed jintalab l-għarfien u l-għarfien espert tiegħu. Barra minn hekk, l-espert tekniku għandu:

(a) ikollu għarfien suffiċjenti tal-leġiżlazzjoni rilevanti kif ukoll tal-linji gwida applikabbli kif imsemmi fl-Artikolu 39(2), il-punt (a);

(b) ikollu fehim suffiċjenti tal-attivitajiet ta' verifika.

3. L-esperti tekniċi għandhom iwettqu kompiti speċifikati taħt id-direzzjoni u taħt ir-responsabbiltà sħiħa tal-assessur ewlieni tat-tim ta' valutazzjoni inkwistjoni.

Artikolu 60

Ilmenti

Meta l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkun irċieva ilment dwar il-verifikatur mill-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir, il-kumpanija, l-Istat tal-bandiera kkonċernat għal bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru, jew partijiet interessati oħrajn, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu, fi żmien raġonevoli iżda mhux aktar tard minn 3 xhur mid-data tal-wasla tiegħu:

(a) jiddeċiedi dwar il-validità tal-ilment;

(b) jiżgura li l-verifikatur ikkonċernat jingħata l-opportunità li jibgħat l-osservazzjonijiet tiegħu;

(c) jieħu azzjonijiet xierqa sabiex jittratta l-ilment;

(d) jirreġistra l-ilment u l-azzjoni meħuda;

(e) iwieġeb lill-ilmentatur.

Artikolu 61

Evalwazzjoni bejn il-pari

1. Meta l-korpi nazzjonali tal-akkreditazzjoni jkunu soġġetti għal evalwazzjoni regolari bejn il-pari f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, il-korp rikonoxxut skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandu jimplimenta kriterji xierqa tal-evalwazzjoni bejn il-pari u proċess effettiv u indipendenti tal-evalwazzjoni bejn il-pari sabiex jivvaluta jekk:

(a) il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li tkun qed issirlu l-evalwazzjoni bejn il-pari jkunx wettaq l-attivitajiet ta' akkreditazzjoni f'konformità mal-Artikoli 46 sa 55;

(b) il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li tkun qed issirlu l-evalwazzjoni bejn il-pari jkunx issodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 56 sa 63.

Il-kriterji għandhom jinkludu rekwiżiti ta' kompetenza għall-evalwaturi u għat-timijiet li jwettqu l-evalwazzjonijiet bejn il-pari li jkunu speċifiċi għar-Regolament (UE) 2015/757 u għas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbilita bid-Direttiva 2003/87/KE.

2. Il-korp rikonoxxut skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandu jippubblika l-eżitu tal-evalwazzjoni bejn il-pari ta' korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 u jibagħtu lill-Kummissjoni, lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni fl-Istati Membri u lill-awtoritajiet amministrattivi fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir jew il-punt fokali imsemmi fl-Artikolu 64 ta' dan ir-Regolament.

3. Minkejja l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, meta korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni tkun saritlu evalwazzjoni b'suċċess bejn il-pari organizzata mill-korp rikonoxxut skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jiġi eżentat milli ssirlu evalwazzjoni ġdida bejn il-pari wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jekk ikun jista' juri li huwa konformi ma' dan ir-Regolament.

Għal dak l-għan, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni kkonċernat għandu jibgħat talba u d-dokumentazzjoni neċessarja lill-korp rikonoxxut skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

Il-korp rikonoxxut skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandu jiddeċiedi jekk ikunux intlaħqu l-kundizzjonijiet sabiex tingħata eżenzjoni jew le.

L-eżenzjoni għandha tapplika għal perjodu ta' mhux aktar minn 3 snin mid-data meta l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jiġi mgħarraf bid-deċiżjoni.

Artikolu 62

Rikonoxximent reċiproku tal-verifikaturi

Minkejja l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, meta korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ma jkunx sarlu l-proċess sħiħ tal-evalwazzjoni bejn il-pari, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw iċ-ċertifikati tal-akkreditazzjoni tal-verifikaturi akkreditati minn dak il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jekk il-korp rikonoxxut skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 ikun beda evalwazzjoni bejn il-pari għal dak il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni u ma jkun identifika l-ebda nuqqas ta' konformità tal-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ma dan ir-Regolament.

Artikolu 63

Monitoraġġ tas-servizzi pprovduti

Meta waqt spezzjoni mwettqa f'konformità mal-Artikolu 31(4) tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([15]), Stat Membru jkun stabbilixxa li verifikatur ma jkunx qed jikkonforma ma' dan ir-Regolament, l-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir jew il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ta' dak l-Istat Membru għandhom javżaw lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jkun akkredita lill-verifikatur b'dan.

Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jkun akkredita lill-verifikatur għandu jqis il-komunikazzjoni ta' dik l-informazzjoni bħala lment skont it-tifsira tal-Artikolu 60 u għandu jieħu azzjoni xierqa dwarha u jwieġeb lill-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir jew lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni dwarha skont l-Artikolu 67(2), it-tieni subparagrafu.

([15]) Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

KAPITOLU VI

SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

Artikolu 64

Skambju ta' informazzjoni u punti fokali

1. L-Istat Membru għandu jistabbilixxi skambju effettiv ta' informazzjoni xierqa u kooperazzjoni effettiva bejn il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni tiegħu u l-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir.

2. Meta fi Stat Membru jkun hemm aktar minn awtorità waħda maħtura skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2003/87/KE, dak l-Istat Membru għandu jawtorizza lil waħda minn dawk l-awtoritajiet biex isservi ta' punt fokali għall-iskambju ta' informazzjoni, għall-koordinazzjoni tal-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u għall-attivitajiet imsemmijin fl-Artikoli 64 sa 71.

Artikolu 65

Programm ta' ħidma marbut mal-akkreditazzjoni u rapport dwar il-ġestjoni

1. Sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jagħmel disponibbli programm ta' ħidma ta' akkreditazzjoni lill-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir ta' kull Stat Membru li jkun fih il-lista ta' verifikaturi akkreditati minn dak il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni. Il-programm ta' ħidma marbut mal-akkreditazzjoni għandu jkun fih tal-anqas l-informazzjoni li ġejja fir-rigward ta' kull verifikatur:

(a) informazzjoni dwar l-attivitajiet li l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkun ippjana għal dak il-verifikatur, inklużi l-attivitajiet ta' sorveljanza u ta' rivalutazzjoni;

(b) id-dati tal-awditi antiċipati ta' xhieda li għandhom jitwettqu mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni sabiex jiġi vvalutat il-verifikatur;

(c) informazzjoni dwar jekk il-korp nazzjonali tal-akkreditazzjoni jkunx talab lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni minn Stat Membru ieħor sabiex iwettaq attivitajiet ta' sorveljanza skont l-Artikolu 52(5).

F'każ li tinbidel l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jibgħat programm ta' ħidma aġġornat lill-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir.

2. Wara li jintbagħat il-programm ta' ħidma marbut mal-akkreditazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir għandha tipprovdi kwalunkwe informazzjoni rilevanti lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni, inkluża kwalunkwe leġiżlazzjoni u linja gwida nazzjonali rilevanti.

3. Sal-1 ta' Ġunju ta' kull sena, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir rapport dwar il-ġestjoni. Ir-rapport dwar il-ġestjoni għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja għal kull verifikatur li dak il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkun akkredita:

(a) id-dettalji tal-akkreditazzjoni tal-verifikaturi li jkunu għadhom kif ġew akkreditati minn dak il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni;

(b) sommarju tar-riżultati tal-attivitajiet ta' sorveljanza u ta' rivalutazzjoni li l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkun wettaq;

(c) sommarju tar-riżultati tal-valutazzjonijiet straordinarji li jkunu saru, fosthom ir-raġunijiet għalfejn ikunu nbdew it-tali valutazzjonijiet straordinarji;

(d) kull ilment li jkun sar kontra l-verifikatur minn meta jkun inħareġ l-aħħar rapport dwar il-ġestjoni 'l hawn u l-azzjonijiet li l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkun ħa b'rabta ma' dan;

(e) dettalji tal-azzjoni meħuda mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni bi tweġiba għall-informazzjoni li tiġi kondiviża mill-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir.

Artikolu 66

Skambju ta' informazzjoni dwar miżuri amministrattivi

Jekk il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni jkun impona miżuri amministrattivi fuq il-verifikatur skont l-Artikolu 55 jew jekk tkun intemmet is-sospensjoni tal-akkreditazzjoni jew deċiżjoni f'appell tkun reġġgħet lura d-deċiżjoni ta' korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jimponi l-miżuri amministrattivi msemmijin fl-Artikolu 55, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jinforma lill-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir u lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ta' kull Stat Membru b'dan.

Artikolu 67

Skambju ta' informazzjoni mill-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir

1. L-awtorità amministrattiva responsabbli għandha tikkomunika kull sena lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jkun akkredita lill-verifikatur li jwettaq verifika għal kumpanija taħt ir-responsabbiltà tagħha tal-anqas dawn li ġejjin:

(a) ir-riżultati rilevanti mill-verifika tar-rapport dwar l-emissjonijiet, tar-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet, tar-rapporti fil-livell tal-kumpaniji u tar-rapporti ta' verifika, b'mod partikolari ta' kwalunkwe kwistjoni ta' *data* rrapportata li ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti skont ir-Regolament (UE) 2015/757, id-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1927, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1928 jew dan ir-Regolament;

(b) ir-riżultati mill-ispezzjoni tal-kumpanija meta dawk ir-riżultati jkunu rilevanti għall-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jikkonċerna l-akkreditazzjoni u s-sorveljanza tal-verifikatur jew meta dawk ir-riżultati jinkludu kwalunkwe kwistjoni identifikata ta' *data* li ma kinitx tissodisfa r-rekwiżiti skont ir-Regolament (UE) 2015/757, id-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1927, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1928 jew dan ir-Regolament;

(c) ir-riżultati tal-evalwazzjoni tad-dokumentazzjoni interna tal-verifika ta' dak il-verifikatur meta l-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir tkun evalwat id-dokumentazzjoni tal-verifika interna skont l-Artikolu 43(3);

(d) ilmenti riċevuti mill-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir li jikkonċernaw dak il-verifikatur.

2. Meta l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 tipprovdi evidenza li l-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir tkun identifikat kwistjonijiet fid-*data* rrapportata li ma ssodisfawx ir-rekwiżiti skont ir-Regolament (UE) 2015/757, id-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1927, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1928 jew dan ir-Regolament, il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jittratta l-komunikazzjoni ta' dik l-informazzjoni bħala lment mill-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir li jikkonċerna dak il-verifikatur skont it-tifsira tal-Artikolu 60.

Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jieħu l-azzjonijiet ix-xierqa sabiex jittratta t-tali informazzjoni u għandu jwieġeb lill-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir fi żmien raġonevoli iżda mhux aktar tard minn 3 xhur minn meta jirċievi dik l-informazzjoni. Fit-tweġiba tiegħu, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jgħarraf lill-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir bl-azzjonijiet li jkun ħa u, meta dan ikun rilevanti, bil-miżuri amministrattivi li jkun impona fuq il-verifikatur.

Artikolu 68

Skambju ta' informazzjoni dwar is-sorveljanza

1. Meta l-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għal kumpanija li għaliha l-verifikatur iwettaq verifika jkun intalab iwettaq attivitajiet ta' sorveljanza skont l-Artikolu 52(5), dak il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandu jibgħat is-sejbiet tiegħu lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jkun akkredita lill-verifikatur, sakemm iż-żewġ korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni ma jkunux ftehmu mod ieħor bejniethom.

2. Il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jkun akkredita lill-verifikatur għandu jqis is-sejbiet imsemmijin fil-paragrafu 1 meta jkun qed jivvaluta jekk il-verifikatur jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew le.

3. Meta s-sejbiet imsemmijin fil-paragrafu 1 juru li l-verifikatur ma jkunx qiegħed jikkonforma ma' dan ir-Regolament, il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jkun akkredita lill-verifikatur għandu jieħu l-azzjoni xierqa skont dan ir-Regolament u għandu jinforma lill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jkun wettaq l-attivitajiet ta' sorveljanza dwar:

(a) liema azzjoni tkun ittieħdet mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni li jkun akkredita lill-verifikatur;

(b) meta xieraq, kif il-verifikatur ikun solva s-sejbiet;

(c) meta rilevanti, liema miżuri amministrattivi jkunu ġew imposti fuq il-verifikatur.

Artikolu 69

Skambju ta' informazzjoni ma' Stat Membru fejn il-verifikatur ikun stabbilit

Meta verifikatur ikun ġie akkreditat minn korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni ta' Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru li fih ikun stabbilit il-verifikatur, il-programm ta' ħidma marbut mal-akkreditazzjoni u r-rapport dwar il-ġestjoni msemmijin fl-Artikolu 65 għandhom jintbagħtu wkoll lill-awtorità amministrattiva fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir tal-Istat Membru li fih il-verifikatur ikun stabbilit.

Artikolu 70

Bażijiet tad-*data* tal-verifikaturi akkreditati

1. Il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni għandhom jistabbilixxu u jiġġestixxu bażi tad-*data* li għandha tkun disponibbli għall-pubbliku u tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem, in-numru tal-akkreditazzjoni u l-indirizz kummerċjali ta' kull verifikatur akkreditat minn dak il-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni;

(b) id-data li fiha jkun ingħata l-akkreditazzjoni u d-data ta' skadenza tiegħu;

(c) informazzjoni dwar il-miżuri amministrattivi imposti fuq il-verifikatur.

2. Kwalunkwe bidla fl-istatus tal-verifikaturi għandha tiġi kkomunikata lill-Kummissjoni bl-użu ta' mudell standardizzat rilevanti.

3. Il-korp rikonoxxut skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandu jiffaċilita u jarmonizza l-aċċess għall-bażijiet tad-*data* nazzjonali sabiex jippermetti komunikazzjoni effiċjenti u kosteffettiva bejn il-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni, il-verifikaturi, il-kumpaniji u l-awtoritajiet amministrattivi fir-rigward ta' kumpanija tat-tbaħħir. Il-korp rikonoxxut skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 jista' jgħaqqad dawk il-bażijiet tad-*data* f'bażi tad-*data* unika u ċentralizzata.

Artikolu 71

Notifika mill-verifikaturi

1. Għall-finijiet li l-korp tal-akkreditazzjoni nazzjonali jitħalla jagħmel abbozz tal-programm ta' ħidma tal-akkreditazzjoni u r-rapport dwar il-ġestjoni msemmi fl-Artikolu 65, verifikatur għandu, sal-15 ta' Novembru ta' kull sena, jibgħat l-informazzjoni li ġejja lill-korp tal-akkreditazzjoni nazzjonali li jkun akkredita dak il-verifikatur:

(a) il-ħin u l-post ippjanati tal-verifiki li l-verifikatur ikun skedat sabiex iwettaq;

(b) l-indirizz kummerċjali u d-dettalji ta' kuntatt tal-kumpaniji li l-pjanijiet ta' monitoraġġ, ir-rapporti dwar l-emissjonijiet, ir-rapporti parzjali dwar l-emissjonijiet jew ir-rapporti tagħhom fil-livell tal-kumpaniji jkunu soġġetti għall-verifika tagħha;

(c) l-ismijiet tal-membri tat-tim ta' verifika.

2. F'każ li tinbidel l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-verifikatur għandu jinnotifika dawk il-bidliet lill-korp ta' akkreditazzjoni f'perjodu taż-żmien miftiehem mal-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni.

KAPITOLU VII

APPROVAZZJONI TAL-PJANIJIET TA' MONITORAĠĠ MILL-AWTORITAJIET AMMINISTRATTIVI

TAQSIMA 1

Approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ

Artikolu 72

Regoli ġenerali għall-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ mill-awtoritajiet amministrattivi responsabbli

Għall-fini tal-approvazzjoni ta' pjanijiet ta' monitoraġġ skont l-Artikolu 6(8) tar-Regolament (UE) 2015/757, kull awtorità amministrattiva responsabbli għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiżgura li l-pjanijiet ta' monitoraġġ ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6 u fl-Annessi I u II ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-konklużjonijiet tal-verifikatur dwar il-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ.

Artikolu 73

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-kumpaniji lill-awtoritajiet amministrattivi responsabbli

Il-kumpanija għandha tipprovdi lill-awtorità amministrattiva responsabbli bil-konklużjonijiet tal-verifikatur tal-valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ u bi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tippermettilha twettaq il-proċeduri ta' approvazzjoni.

Artikolu 74

Proċess ta' approvazzjoni

1. L-awtorità amministrattiva responsabbli għandha tinnotifika lill-kumpanija bl-approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ mingħajr dewmien żejjed, bl-użu ta' sistemi awtomatizzati u ta' formati ta' skambju tad-*data*.

2. Meta l-awtorità amministrattiva responsabbli ma tapprovax il-pjan ta' monitoraġġ, hija għandha tinforma lill-kumpanija b'dan mingħajr dewmien żejjed, filwaqt li tispjega r-raġunijiet għan-nuqqas ta' approvazzjoni sabiex tippermetti lill-kumpanija tirrevedi l-pjan ta' monitoraġġ tagħha.

Il-kumpanija kkonċernata għandha tirrevedi l-pjan ta' monitoraġġ tagħha kif xieraq. Il-kumpanija għandha tissottometti l-pjan ta' monitoraġġ rivedut għal rivalutazzjoni mill-verifikatur, flimkien mar-raġunijiet għan-nuqqas ta' approvazzjoni mill-awtorità amministrattiva responsabbli. Ladarba l-pjan ta' monitoraġġ rivedut ikun ġie vvalutat mill-verifikatur bħala konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament (UE) 2015/757, il-kumpanija għandha terġa' tippreżentah għall-approvazzjoni lill-awtorità amministrattiva responsabbli.

TAQSIMA 2

Approvazzjoni ta' modifiki fil-pjanijiet ta' monitoraġġ

Artikolu 75

Regoli ġenerali għall-approvazzjoni ta' modifiki fil-pjanijiet ta' monitoraġġ mill-awtoritajiet amministrattivi responsabbli

1. Il-kumpanija għandha tissottometti mingħajr dewmien żejjed il-pjan ta' monitoraġġ modifikat tagħha lill-awtorità amministrattiva responsabbli ladarba tkun irċeviet notifika mingħand l-verifikatur li l-pjan ta' monitoraġġ ikun konformi, jew, f'dak li għandu x'jaqsam mal-modifiki tal-pjan ta' monitoraġġ skont l-Artikolu 7(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2015/757, ladarba jkun innotifika lill-verifikaturi f'konformità mal-Artikolu 7(3) ta' dak ir-Regolament.

2. Għall-finijiet tal-approvazzjoni ta' modifiki fil-pjanijiet ta' monitoraġġ skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2015/757, kull awtorità amministrattiva responsabbli għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiżgura li l-pjanijiet ta' monitoraġġ modifikati jkunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6 u fl-Annessi I u II ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-konklużjonijiet tal-verifikatur dwar il-valutazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ.

Artikolu 76

Informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-kumpaniji lill-awtoritajiet amministrattivi responsabbli

1. Il-kumpanija għandha tipprovdi lill-awtorità amministrattiva responsabbli bil-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ modifikat u bi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li tippermettilha twettaq il-proċeduri approvazzjoni.

2. Fir-rigward tal-modifiki skont l-Artikolu 7(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2015/757, il-kumpanija għandha tissottometti lill-awtorità amministrattiva responsabbli evidenza tal-bidla fil-kumpanija, kif ukoll indikazzjoni ta' jekk il-pjan ta' monitoraġġ kienx ġie approvat mill-awtorità amministrattiva responsabbli qabel il-bidla tal-kumpanija, b'evidenza ta' sostenn, f'każ li dik l-awtorità amministrattiva ma tkunx l-istess waħda.

Artikolu 77

Proċess ta' approvazzjoni

1. L-awtorità amministrattiva responsabbli għandha tinnotifika lill-kumpanija bl-approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ modifikat mingħajr dewmien żejjed, bl-użu ta' sistemi awtomatizzati u ta' formati ta' skambju tad-*data*.

2. Meta l-awtorità amministrattiva responsabbli ma tapprovax il-pjan ta' monitoraġġ, hija għandha tinforma lill-kumpanija b'dan mingħajr dewmien żejjed, filwaqt li tispjega r-raġunijiet għan-nuqqas ta' approvazzjoni sabiex tippermetti lill-kumpanija tirrevedi l-pjan ta' monitoraġġ tagħha.

Il-kumpanija kkonċernata għandha tirrevedi l-pjan ta' monitoraġġ tagħha kif xieraq. Il-kumpanija għandha tissottometti l-pjan ta' monitoraġġ rivedut għal rivalutazzjoni mill-verifikatur, flimkien mar-raġunijiet għan-nuqqas ta' approvazzjoni mill-awtorità amministrattiva responsabbli. Ladarba l-pjan ta' monitoraġġ rivedut ikun ġie vvalutat bħala konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament (UE) 2015/757, il-kumpanija għandha terġa' tippreżentah għall-approvazzjoni lill-awtorità amministrattiva responsabbli.

Artikolu 78

Implimentazzjoni u ż-żamma ta' rekords tal-modifiki

1. Qabel ma tirċievi l-approvazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ modifikat mill-awtorità amministrattiva responsabbli f'konformità mal-Artikolu 77, il-kumpanija tista' twettaq monitoraġġ u rapportar bl-użu tal-pjan ta' monitoraġġ modifikat fejn il-monitoraġġ f'konformità mal-pjan ta' monitoraġġ oriġinali jwassal għal *data* dwar l-emissjonijiet mhux kompluta.

F'każ ta' dubju, il-kumpanija għandha tuża b'mod parallel kemm il-pjan ta' monitoraġġ modifikat kif ukoll dak oriġinali sabiex twettaq il-monitoraġġ u r-rappurtar kollha f'konformità maż-żewġ pjanijiet, u għandha żżomm rekords taż-żewġ riżultati tal-monitoraġġ.

2. Malli tirċievi l-approvazzjoni f'konformità mal-Artikolu 77, il-kumpanija għandha tuża biss id-*data* relatata mal-pjan ta' monitoraġġ u twettaq il-monitoraġġ u r-rapportar kollu billi tuża biss il-pjan ta' monitoraġġ modifikat mid-data minn meta dik il-verżjoni tal-pjan ta' monitoraġġ tkun applikabbli.

3. Il-kumpanija għandha żżomm rekords tal-modifiki kollha fil-pjan ta' monitoraġġ. Fir-rigward ta' kull modifika, ir-rekord għandu jkun fih:

(a) deskrizzjoni trasparenti tal-modifika;

(b) ġustifikazzjoni għall-modifika;

(c) meta applikabbli, il-konklużjonijiet tal-verifikatur dwar il-valutazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ modifikat;

(d) id-data tas-sottomissjoni tal-pjan ta' monitoraġġ modifikat lill-awtorità amministrattiva responsabbli;

(e) id-data tal-bidu tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' monitoraġġ modifikat f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 79

Tħassir

1. Ir-Regolament Delegat (UE) 2016/2072 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2024.

2. Ir-referenzi għar-Regolament Delegat (UE) 2016/2072 għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 80

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

GĦARFIEN U ESPERJENZA SPEĊIFIĊI GĦAS-SETTUR TAL-BAĦAR MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 39(3)

Għall-finijiet tal-Artikolu 39(3) għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-għarfien u l-esperjenza ta' dawn li ġejjin:

(a) il-fehim tar-regolamenti rilevanti skont il-Konvenzjoni ta' MARPOL u l-Konvenzjoni ta' SOLAS, bħal dawk dwar l-effiċjenza enerġetika għall-bastimenti ([1]), il-Kodiċi Tekniku tal-NOx ([2]), ir-Regolament dwar l-Ossidi tal-Kubrit ([3]), ir-Regolament dwar il-Kwalità taż-Żejt Kombustibbli ([4]), il-Kodiċi dwar l-Istabbiltà Intatta tal-2008 u l-linji gwida rilevanti (bħall-gwida dwar l-iżvilupp tal-Pjan dwar il-Ġestjoni tal-Effiċjenza Enerġetika tal-Bastimenti (SEEMP) ([5]));

(b) is-sinerġiji possibbli bejn il-monitoraġġ u r-rappurtar skont ir-Regolament (UE) 2015/757 u s-sistemi tal-ġestjoni eżistenti speċifiċi għas-settur marittimu (inklużi l-Kodiċi ISM) u gwida rilevanti oħra speċifika għas-settur (bħall-gwida dwar l-iżvilupp tal-SEEMP);

(c) is-sorsi tal-emissjonijiet abbord il-bastiment;

(d) ir-reġistrazzjoni tal-vjaġġi u l-proċeduri li jiżguraw il-kompletezza u l-preċiżjoni tal-lista ta' vjaġġi u tal-lista ta' bastimenti (kif ippreżentata mill-kumpanija);

(e) is-sorsi esterni affidabbli (inkluża d-*data* dwar it-traċċar tal-bastimenti) li jistgħu jservu biex jikkontroverifikaw l-informazzjoni b'*data* mill-bastimenti;

(f) il-metodi għall-kalkolazzjoni tal-konsum tal-fjuwil, kif applikati mill-bastimenti fil-prattika;

(g) l-applikazzjoni ta' livelli ta' inċertezza skont ir-Regolament (UE) 2015/757 u l-gwida rilevanti;

(h) l-applikazzjoni ta' fatturi ta' emissjoni għall-fjuwils u s-sorsi ta' emissjonijiet kollha użati abbord il-bastiment, u għall-emissjonijiet kollha ta' gassijiet serra koperti bir-Regolament (UE) 2015/757;

(i) għarfien dwar l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2003/87/KE, b'mod partikolari fir-rigward ta' kif għandhom jitqiesu l-emissjonijiet mill-bijofjuwils, l-emissjonijiet minn taħlita ta' sorsi b'rata żero u sorsi li mhumiex klassifikati żero u l-emissjonijiet minn fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u fjuwils tal-karbonju riċiklat;

(j) fehim taċ-ċertifikazzjoni tal-fjuwils skont id-Direttiva (UE) 2018/2001 ([6]);

(k) it-trattament tal-fjuwil, it-tindif tal-fjuwil, is-sistemi tat-tankijiet;

(l) il-manutenzjoni tal-bastiment/il-kontroll tal-kwalità tal-apparat tal-kejl;

(m) dokumenti tal-bunkering, inklużi noti tal-kunsinna tal-bunker;

(n) reġistri operazzjonali, astratti tal-vjaġġ u astratti tal-port, reġistri tal-gverta tal-bastiment;

(o) dokumentazzjoni kummerċjali, bħal ftehimiet ta' noleġġ, poloz ta' kargu;

(p) ir-rekwiżiti statutorji eżistenti;

(q) l-operat tas-sistemi tal-bunkering tal-bastiment;

(r) id-determinazzjoni tad-densità tal-fjuwil mill-bastimenti fil-prattika;

(s) il-proċessi tal-fluss tad-*data* u l-attivitajiet għall-kalkolazzjoni tal-merkanzija li tinġarr (f'volum jew massa), kif applikati għat-tipi ta' bastimenti u l-attivitajiet skont ir-Regolament (UE) 2015/757;

(t) il-kunċett ta' piż mejjet li jinġarr kif applikabbli għat-tipi ta' bastimenti u l-attivitajiet skont ir-Regolament (UE) 2015/757 b'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1928;

([1]) Ir-Regolament 22, l-Anness VI tal-Konvenzjoni ta' MARPOL.
([2]) Il-Kodiċi tekniku rivedut dwar il-Kontroll tal-Emissjoni tal-Ossidi tan-Nitroġenu mill-Magni Diżil għal Użu Marittimu, (Riżoluzzjoni MEPC.176(58), kif emendata mir-riżoluzzjoni MEPC.177(58)).
([3]) Ir-Regolament 14, l-Anness VI tal-Konvenzjoni ta' MARPOL.
([4]) Ir-Regolament 18, l-Anness VI tal-Konvenzjoni ta' MARPOL.
([5]) Ir-Regolament 22, l-Anness VI tal-Konvenzjoni ta' MARPOL.
([6]) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

(u) il-proċessi tal-fluss tad-*data* li jintużaw sabiex tiġi kkalkolata d-distanza vvjaġġata u ż-żmien fuq il-baħar għall-vjaġġi skont ir-Regolament (UE) 2015/757;

(v) il-makkinarju u s-sistemi tekniċi użati abbord il-bastiment għad-determinazzjoni tal-konsum tal-fjuwil, ix-xogħol tat-trasport u informazzjoni rilevanti oħra.

ANNESS II

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Regolament Delegat (UE) 2016/2072	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2, il-punt (1)	Artikolu 2, il-punt (1)
Artikolu 2, il-punt (2)	Artikolu 2, il-punt (5)
Artikolu 2, il-punt (3)	Artikolu 2, il-punt (6)
Artikolu 2, il-punti (4) sa (13)	Artikolu 2, il-punti (8) sa (17)
Artikolu 2, il-punti (14) sa (17)	Artikolu 2, il-punti (19) sa (22)
Artikolu 3	Artikolu 3
Artikolu 4(1)	Artikolu 4(1)
Artikolu 4(2)	Artikolu 4(2), il-punti (a) u (c)
Artikolu 4(3)	Artikolu 4(4)
Artikolu 5	Artikolu 5
Artikolu 6(1), (2) u (3)	Artikolu 6(1), (2) u (3)
Artikolu 6(4)	Artikolu 6(6)
Artikolu 6(5)	Artikolu 6(8)
Artikolu 7	Artikolu 7
Artikolu 8	Artikolu 8
Artikolu 9	Artikolu 9
Artikolu 10	Artikolu 10
Artikolu 11	Artikolu 12
Artikolu 12, il-punt (a)	Artikolu 13, il-punt (a)
Artikolu 12, il-punt (b)	Artikolu 13, il-punt (c)
Artikolu 13	Artikolu 14
Artikolu 14(1)	Artikolu 15(1)
Artikolu 14(2), il-punt (a)	Artikolu 15(2), il-punt (a)
Artikolu 14(2), il-punt (b)	Artikolu 15(2), il-punt (b)
Artikolu 14(2), il-punt (c)	Artikolu 15(2), il-punt (d)
Artikolu 14(2), il-punt (d)	Artikolu 15(2), il-punt (e)
Artikolu 14(2), il-punt (e)	Artikolu 15(2), il-punt (f)
Artikolu 15	Artikolu 17
Artikolu 16(1)	Artikolu 18(1)
Artikolu 16(2)	Artikolu 18(2)
Artikolu 16(3)	Artikolu 18(4)
Artikolu 16(4)	Artikolu 18(7)
Artikolu 16(5)	Artikolu 18(3)
Artikolu 16(6)	Artikolu 18(10)
Artikolu 17	Artikolu 19

Artikolu 18, il-punti (a) sa (e)	Artikolu 20, il-punti (a) sa (e)
Artikolu 18, il-punt (f)	Artikolu 23(3)
Artikolu 19	Artikolu 21
Artikolu 20(1)	Artikolu 22(1)
Artikolu 20(2)	Artikolu 22(3)
Artikolu 20(3)	Artikolu 22(4)
Artikolu 20(4), il-punti (a), (b) u (c)	Artikolu 22(5), il-punti (a), (b) u (c)
Artikolu 20(4), il-punt (d)	Artikolu 22(5), il-punt (e)
Artikolu 20(4), il-punti (e) sa (j)	Artikolu 22(5), il-punti (g) sa (l)
Artikolu 20(4), il-punt (k)	Artikolu 22(5), il-punt (o)
Artikolu 20(4), il-punt (l)	Artikolu 22(5), il-punt (q)
Artikolu 21	Artikolu 23
Artikolu 22	Artikolu 37
Artikolu 23(1)	Artikolu 38(1)
Artikolu 23(2)	Artikolu 38(2)
Artikolu 23(3)	Artikolu 38(4)
Artikolu 24	Artikolu 39
Artikolu 25(1)	Artikolu 40(2)
Artikolu 25(2)	Artikolu 40(3)
Artikolu 26(1)	Artikolu 41(1)
Artikolu 26(2)	Artikolu 41(3)
Artikolu 27	Artikolu 42
Artikolu 28	Artikolu 43
Artikolu 29(1)	Artikolu 44(1)
Artikolu 29(2)	Artikolu 44(3)
Artikolu 30(1)	Artikolu 45(2)
Artikolu 30(2)	Artikolu 45(3)
Artikolu 30(3)	Artikolu 45(4)
Artikolu 30(4)	Artikolu 45(6)
Artikolu 30(5)	Artikolu 45(7)
Artikolu 30(6)	Artikolu 45(8)
Artikolu 31	Artikolu 47
Artikolu 32	Artikolu 48
Artikolu 33	Artikolu 46(2)
Artikolu 34	—
Artikolu 35	Artikolu 49
Artikolu 36	Artikolu 50
Artikolu 37	Artikolu 51
Artikolu 38	Artikolu 52

Artikolu 39(1)	Artikolu 53(1)
Artikolu 39(2)	Artikolu 53(2) u (3)
Artikolu 40	Artikolu 54
Artikolu 41(1), (2) u (3)	Artikolu 55(1), (2) u (3)
Artikolu 41(4), il-punt (a)	Artikolu 55(4), il-punt (b)
Artikolu 41(4), il-punt (b)	Artikolu 55(4), il-punt (c)
Artikolu 41(5) sa (8)	Artikolu 55(5) sa (8)
Artikolu 42	Artikolu 56(2)
Artikolu 43	Artikolu 57
Artikolu 44	Artikolu 58
Artikolu 45(1)	Artikolu 59(1)
Artikolu 45(2)	Artikolu 59(3)
Artikolu 46(1), il-punt (a)	Artikolu 70(1), il-punt (a)
Artikolu 46(1), il-punt (b)	—
Artikolu 46(1), il-punt (c)	Artikolu 70(1), il-punt (b)
Artikolu 46(1), il-punt (d)	Artikolu 70(1), il-punt (c)
Artikolu 46(2)	Artikolu 70(2)
Artikolu 46(3)	Artikolu 70(3)
Artikolu 47	Artikolu 80